L-GHID TA' L-ASSUNTA

12 [1977]

www.gozocathedral.org.mt

KOTBA PPUBLIKATI MILL-KATIDRAL

- IL-KATIDRAL TA' L-ASSUNTA — [illegible]
- IL-BALLATA TAL-KONVOJ TA' SANTA MARIJA — [illegible]
- 350 SENA KOLLEGGJATA — 90c
- IL-MATRIĊI KOLLEGGJATA TA' L-ASSUNTA U L-EWWEL PARROĊĊI TA' GHAWDEX — 80c
- L-INKORONAZZJONI TA' L-ASSUNTA — 1975 — 60c

IL-5 KOTBA FLIMKIEN EM2 FLOK EM2.69

— SKONT TA' 25% — OFFERTA LIMITATA

Aħbar Ġdida tad-Ditta

A.F.M. CARUANA

Office: 57, Republic Str., Vict. Tel: 76464

Importaturi

- tal-Plywood, Injam, u ħadid ta' kull daqs u kwalità.
- Kmamar tal-Banju, kompluti b.l-vit mill-aqwa, u Ċeramika tal-ħajt u ta' l-art.
- u għal kull materjal ieħor tal-bini, irrikorru għand din id-ditta ġdida, u kunu żguri bl-aqwa kwalità u bl-orħos prezzijiet.

www.gozocathedral.org.mt

l-għid

ta' l-assunta

12 (1977)

APPELL TA' MONS. ARCIPRIET GHALL-JIEM IL-FESTA

F'din is-Sena Marjana li qiegħda tinżamm fid-Djoċesi t'Għawdex biex tfakkar egħluq is-sittin sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, xieraq li din is-sena s-solennità liturġika tat-Tlugħ fis-sema bir-ruħ u l-ġisem tal-Verġni Mbierka Marija, li hija l-padruna speċjali tal-Maltin u l-Għawdxin kollha, twassalna biex nifhmu aktar mis-soltu li fil-jiem tal-festa jeħtieġ li:

* nżommu l-arja ta' madwarna safja mill-polluzzjoni u mit-tinġis ta' mikrobi ta' immoralità, ta' provokazzjonijiet għall-ġlied, ta' tgħajjir u ta' bosta nuqqasijiet oħra kontra l-karità;

* nagħmlu t-trasfużjoni spiritwali ta' demmna, bħalma kultant jagħmel it-tabib biex jikkura ċertu mard, billi nersqu b'dispożizzjonijiet tajba għas-Sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni u tat-Tqarbin;

* nifthu kampanja favur il-ħarsien tal-valuri umani, morali u spiritwali bl-imġieba tajba tagħna fil-marċijiet u f'kull xorta ta' divertimenti li joffrulna l-granet tal-festa;

* nieħdu sehem aktar ħaj u sħiħ fil-funzjonijiet liturġiċi tal-Knisja biex l-elektrokardiogramma spiritwali tagħna tibqa' timmarka normali u regolari fit-taħbit tagħha;

* nirrikorru għat-talb u l-ġabra biex iservuna bħal doża ta' pilloli kalmanti ħalli ma nitilfux il-bilanċ fix-xorb, fil-mod kif nilbsu u niddevertu;

* nsaħħu t-twemmin tagħna li għalina l-Madonna mhix sempliċi isem ta' tliet sillabi, imma mudell li fuqu hemm bżonn li nfasslu ħajjitna kollha;

* nghixu aktar qrib tal-Madonna biex nitkellmu b' mod sempliċi magħha l-għaliex bħala omm tagħna hija tifhimna;

* nagħtu wkoll il-kontribut tagħna bl-eżempju t-tajjeb biex jiġi mgħarraf il-Vanġelu bħalma għamlet il-Madonna f'ħajjitha l-għaliex kull nisrani għandu parti mir-responsabiltà tat-tixrid tal-Vanġelu.

Jalla f'din is-Sena Marjana l-festa ta' Santa Marija theġġeġ il-kommunità nisranija tad-Djoċesi Għawdxija miġbura fis-Sede Ċentrali tagħha, il-Knisja Katidrali, biex tgħix ħajja awtentikament nisranija bħalma għamlet il-Madonna stess fuq din l-art fil-mixja tagħha lejn il-belt tas-Sema.

Ħarġa ta' darba fis-sena maħruġa mill-Arċipriet tal-Katidral Mons. Carmelo Scicluna.

GOZO PRESS

www.gozocathedral.org.mt

Ġrajja ta' żmien il-Franċiżi mid-dokumenti ta' Palermu

IT-TALBA LIR-RE FERDINANDU III TA' SQALLIJA BIEX GHAWDEX JINQATA' FI DJOCESI GHALIEH

Qegħdin joqorbu s-sentejn minn mindu ħareġ il-ktieb tiegħi bit-titlu "IL-
MATRIĊI KOLLEĠĠJATA TA' L-ASSUNTA U L-EWWEL PARROĊĊI TA' GĦAW-
DEX". Kienu ħafna dawk li semmew dan il-ktieb u kitbu dwaru fuq il-ġurnali.
Qatt ma kelli ktieb li sab tant min jikteb fuqu. Madankollu, intbaħt ukoll li l-kotra
tal-kittieba faħħru jew għamlu xi osservazzjoni bla ma niżlu fil-qalba ta' l-Istorja
u bla ma għarblu sewwa l-argumenti. Ma niftakarx jekk kienx hemm xi wieħed li
kiteb bla ma ħeba ismu. Saru dwaru anke xi kitbiet umoristiċi li hawn min isej-
ħilhom "pubblikazzjonijiet". Imma, billi ma rajt l-ebda id ta' STORIKU TASSEW,
jien bqajt biss bix-xewqa li għad xidarba niltaqa' ma' dan il-kittieb ta' moħħ ekwi-
librat. Nixtieq li, bis-sinċerità u f'diskussjoni ta' ħbieb, insib min jurini xi żbalji
b'dokumenti mibnijin tassew fuq is-sod. Lil dawk li jħobbu ġrajjiet il-Katidral ta'
Għawdex, ngħidilhom ħaġa waħda biss: l-akbar tifħir li jista' jiġihom ikun meta
lilhom igħidulhom li f'dan il-ktieb ta' storja hemm anki ħafna kontra tagħhom.
Kien hemm min għoġbu jsejjaħ li xi argumenti bħala "boomerang": għaliex juru
xi aspetti ta' storja bħala nċerti u ma jaħbux li l-istorja tal-Katidral ma hix lan-
qas kif huma stess xtaquha. Imma dan jipprova li jiena ngħid il-verità bil-libertà
kollha. Jiena nisma' 'l kulħadd u, jekk xi ħaġa ma ngħidhiex, dan ikun għaliex
jipperswaduni li tkun kontra l-istorja, u mhux għaliex tista' ma togħġobx lil dak
u lill-ieħor.

Pro-Vigarju għal Għawdex

L-istudju tiegħi fuq il-"Matriċi-Kolleġġjata" jasal biss sal-bidu tas-seklu XVIII. Dan jidher tajjeb anki fl-istess titlu. Imma, għall-Kolleġġjata ta' l-Assunta, iż-żmenijiet l-iżjed glorjużi kienu għadhom iridu jaslu. Dawn iż-żmenijiet thejjew b'pass wara l-ieħor. Aħna rajna mitluf fl-istorja t-titlu ta' Matriċi: sa minn żmenijiet li ħadd ma jaf kemm huma qodma. Rajnieha, qabel kull Parroċċa oħra, togħla għad-dinjità ta' Kolleġġjata. Inżid ukoll ma' dawn li, fiż-żmien li l-Assunta kienet Kolleġġjata, u anki meta f'Għawdex kien hemm Kolleġġjata oħra fl-Għarb, l-Arċipriet tal-Katidral ġie li kellu dinjità li llu tgħollih 'il fuq minn kull Arċipriet ieħor. Illum, f'Għawdex, it-titlu ta' Arċipriet ftit jew xejn jiswa għaliex hemm iżjed Arċiprieti milli Kappillani. Imma l-Isqof Cagliares fl-Editt tas-sena 1623 juri li hu nnifsu lanqas kien jaf minn kemm żmien il-mexxej spiritwali ta' l-Assunta kien imsejjaħ "**Arċipriet**" (1). Kien żmien meta Għawdex ma kellux ħlief żewġ Parroċċi, wara s-suppressjoni ta' Savina u S. Ġakbu. Għalhekk kien biżżejjed li wieħed jissejjaħ "Arċipriet" u l-ieħor "Kappillan" biex kulħadd ikun jaf għal liema minnhom kienu qegħdin igħidu.

Imma d-dinjità li lill-Arċipriet ta' l-Assunta għollietu 'il fuq minn kull ieħor ma kenitx din ta' Arċipriet. Xi Viżti Pastorali juru tajjeb li l-Arċipriet ta' l-Assunta kien ukoll ir-rappreżentant ta' l-Isqof Djoċesan għal Għawdex.

Fl-imsemmi ktieb, jien kont ktibt hekk dwar is-sena 1705: "Jidher tajjeb ukoll li kull Kappillan kien għad għandu xi rabtiet mal-Matriċi ta' l-Assunta" (2). Imma, forsi, ikun aħjar jekk niċċara ftit iżjed dan il-punt. F'dak iż-żmien Għawdex kien maqtugħ minn Malta wisq iżjed mil-lum. Għalkemm il-bogħod hu ftit xejn ma kien possibbli li l-Isqof iżomm kontroll tajjeb fuq dik il-biċċa tad-djoċesi tiegħu.

Għalhekk, l-Isqof ta' Malta u Għawdex ra li tkun ħaġa tassew xierqa li hu

jkollu r-rappreżentant tiegħu f'Għawdex. Isqof ta' Djoċesi ċkejkna ma jkollux iżjed minn Vigarju wieħed. Il-Vigarju ta' l-Isqof ta' Malta kien f'Malta stess. Imma, għal Għawdex, l-Isqof ried li jkollu **"Pro-Vigarju"**. Il-Pro-Vigarju għal Għawdex kien l-Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta. Kien għalhekk li, meta ntalbet statistika mingħand il-Kappillani, kull wieħed minn dawk il-Kappillani kellu jgħaddi kollox f'idejn dak l-Arċipriet (3).

Sieħeb l-Isqof fil-Viżti

Sabiex dak il-Pro-Vigarju jkollu tagħrif tajjeb dwar kulma jsir f'Għawdex, l-Isqof lilu ried isieħbu miegħu anki fil-Viżti Pastorali tal-Parroċċi.

Biex inġib eżempju wieħed, insemmi l-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Ġakbu Cannaves fis-sena 1716. Dwarha, dan l-aħħar ktibt meta ġejt mitlub mill-Parroċċi tan-Nadur u tax-Xewkija (4). Flimkien ma' xi Monsinjuri tal-Katidral ta' Malta, l-Isqof ħa miegħu għall-Viżta Pastorali 'l **Dun Nikol Natal Cassia Magri, Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta u Pro-Vigarju għal Għawdex** (5).

Alfonso Airoldi u Luigi Boglino

Minn hawn nagħmel qabża biex naqbad f'idejja kitbiet oħrajn. Meta kont għadni iżjed żagħżugħ, fis-sena 1965, jiena qattajt xi ġranet Palermu biex nieħu idea dwar x'setgħet toffri dik il-belt qadima għall-Istorja ta' Malta. F'dak iż-żmien, jiena ma kellix f'moħħi l-istorja ta' Għawdex. Kont qiegħed ngħarrex 'l hawn u 'l hinn biex nara ma' xhiex stajt niltaqa'. Imma kien f'dak iż-żmien li jiena ltqajt għall-ewwel darba ma' ġabra ta' dokumenti li tgħaqqdu flimkien minn **Monsinjur Alfonso Airoldi.**

Din il-ġabra qiegħda fost il-Manuskritti tal-Biblijoteka Komunali ta' Palermu. Jiena qbadt f'idejja l-oriġinal innifsu ta' Airoldi (6), imma ridt inkun naf ukoll x'ighid fuqu **Luigi Boglino.**

Aħna kważi qatt ma smajna b'dan Boglino. Għalhekk, hu xieraq li ngħid min kien dan l-istudjuż.

Lejn tmiem is-seklu dsatax, Luigi Boglino kien qassis li, minbarra li kien

1. BONNICI Alex., O.F.M. Conv, **Il-Twaqqif ta' l-Ewwel Kolleġġjata f'Għawdex**, fi 350 Kolleġġjata", 1974, p. 32.
2. IDEM, **Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex**, 1975, p. 105.
3. **Ib.**, pp. 98-105.
4. BONNICI Alex., **Il-Parroċċa tax-Xewkija mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Ġakbu Cannaves**, f'Gorgion", n. 21, Ġunju 1977, pp. 2-5. Ma jdumx ma jidher ukoll: **"Il-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Cannaves fin-Nadur".**
5. Dawn l-informazzjonijiet jinstabu fl-Arkivju Katidrali ta' Malta: A(rchivum) C(athedrale) M(elitense), Miscellanea ms. 188, f. lr-v; C(uria) E(piscopalis) M(elitensis), A(cta) Originalia), ms. 464, f. 258r.
6. B(iblioteca) C(omunale) P(alermo), 4Qq. D. 39; AIROLDI Alfonso, **Mss. di Diritto Ecclesiastico**, ff. 208. Dan it-titlu hu fuq id-dahar ta' barra.

www.gozocathedral.org.mt

studjuż tal-Paleografija, kellu wkoll fi ħsiebu l-Biblijoteka Komunali ta' Paler-mu. Hu ħalla għadd ta' kitbiet; imma dawk li jħobbu l-istorja jibqgħu jafuhulu b'mod partikulari talli ħallielhom reper-torju imprezzabbli fuq il-Manuskritti tal-Biblijoteka li kienet fi ħsiebu. L-opra tie-għu f'erba' volumi ġġib dan it-titlu: **"I Manoscritti della Biblioteca Comunale di Palermo"** (7).

Wara ħdax-il sena, bejn Settembru u Ottubru 1976, jiena erġajt lura lejn Pa-lermu b'ideat iżjed preċiżi. Jiena kelli f'moħħi li niġbor ftit materjal ieħor fuq argumenti li kont missejt f'dawn l-aħħar snin ta' ħajti. Minħabba xi ċirkustanzi partikulari: bħalma hu l-fatt li, proprju fix-xahar ta' Settembru, 1976, daħlet kwantità kbira ta' ilma fil-magħruf **"Archivio Storico di Palermo"** (fejn jinstabu dokumenti qodma ħafna fuq il-gżejjer tagħna), il-ħidma tiegħi intrabtet mal-materjal li jinstab fil-Biblijoteka Komu-nali. Il-volumi ta' Boglino kienu f'idejja, u fih ukoll dwar il-volum waħdieni ta' manuskritti li sejjer nitkellem fuqu.

Il-manuskritt ta' Alfonso Airoldi jġib dan it-titlu ġenerali: **"Scritti vari intorno a diverse materie di dritto ecclesiastico specialmente della Sicilia di Monsignor Alfonso Airoldi"** (8).

Għawdex f'Airoldi

Il-kitbiet miġburin minn Airoldi ma fihomx fuq Għawdex biss. L-argumenti jvarjaw ħafna; imma kollha juru 'l Airol-di bħala bniedem li jifhem sewwa fil-liġi. Tnejn minn dawk id-dokumenti għand-hom x'jaqsmu ma' grajjiet il-gżejjer tagħna. Dokument ċkejken u li ma għan-dux valur kbir jittratta fuq l-aħħar żmien ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta (9). Kien dan id-dokument li lili laqqagħni ma' Airoldi għaliex fis-sena 1965, l-In-kiżizzjoni tagħna kienet f'moħħi għaliex kienet sejra tkun l-argument tat-teżi tal-lawrja tiegħi fl-istorja (10).

Imma dokument ieħor li qbadtu għall-ewwel darba f'idejja f'dan l-aħħar żmien jintrabat ma' l-Istorja ta' Għaw-dex. Jiena sejjaħtlu "dokument" għaliex fil-fatt għandu titlu wieħed ġenerali. Im-ma nkun iżjed eżatt jekk ngħid li hu ġab-ra ta' kitbiet marbutin ma' xulxin. Kif ngħid sewwa Luigi Boglino, din il-ġabra fuq Għawdex ma hix xiħaġa ordnata u ħafifa biex tinqara. Dak li jinstab fiha hu bħal abbozz ta' kitbiet li kellhom jint-bagħtu. Kienu servew biex min kien in-karigat biex jibgħathom ikun jista' jik-konsultahom mill-ġdid qabel ma' jerġa' jikteb fuq l-istess argument (11).

Talba għal Djoċesi mill-Gvernatur ta' Għawdex

Din hi ġabra ta' kitbiet tas-seklu XVIII. L-argumenti ewlenin tagħha hu-ma tnejn. L-ewwel argument ta' storja jiġbor fih it-talba li l-Arċipriet Dun Saver Cassar għamel lir-Re Ferdinandu III, Borbone, biex il-gżira ta' Għawdex tinqa-ta' fi djoċesi għaliha. L-Arċipriet Dun Saver Cassar kien il-Kap Spiritwali tal-Kolleġġjata Matriċi ta' l-Assunta.

L-Arċipriet għamel it-talba f'isem il-poplu kollu ta' Għawdex għaliex, kif igħid l-istess titlu tal-kitba, Dun Saver Cassar kien l-istess Gvernatur tal-gżira ta' Għawdex (12).

Qorti ta' l-Appell

L-istess Arċipriet-Gvernatur, b'għadd ta' kitbiet u tweġibiet għalihom, narawh jitħabat biex ir-Re jagħti l-approvazzjoni tiegħu ħalli f'Għawdex titwaqqaf Qorti ta' l-appell. L-Għawdxin ma xtaqux li l-kawżi ta' l-Appell jibqgħu jgħaddu lejn Malta. (13).

Għalhekk, it-titlu tal-manuskritt jiġbor fih dawn iż-żewġ argumenti. Billi nemmen li kull min iħobb l-istorja jixtieq indikazzjonijiet eżatti, jiena sejjer inniż-żel dan it-titlu eżattament kif inhu: **"Sulla dimanda fatta al Re delle due Sicilie dall'Arciprete D. Saverio Cassar, Governatore dell'Isola del Gozzo, per lo stabilimento in essa di un Vescovado, non che per l'approvazione sovrana della costituzione del Tribunale di appello da lui colà istituito"** (14).

Dawn il-kitbiet jieħdu fit-tul ħafna. Hu biżżejjed li ngħid li jibdew minn f. 152r. u jibqgħu sejrin sa f. 179v. Dan ifisser li huma 27 folja minn quddiem u minn wara. Il-vojt fihom ma jonqosx

www.gozocathedral.org.mt

imma għall-vojt ipatti l-kobor tal-folji u c-ċokon li bih jitniżżlu l-kitbiet.

Min kien dak Ferdinandu III?

Ferdinandu III, Borbone, li għalih ħafna minn dawn il-kitbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Għawdex thejjew, ma għandux jitħallat ma' Ferdinandu III, Re ta'

---

7. Ara BOGLINO Luigi, **I Manoscritti della Biblioteca Comunale di Palermo**, Palermo, Virzi, I (A-C), 1884, xiv-520p.; II (D-L), 1889, 496p.; III (M-Q), 1892, 474p.; IV (R-Z), 1900, 449p.
8. B.C.P., 4Qq. D. 39, ff. 191r-192v.
9. Għall-Airoldi, fil-Boglino ara o.c., III, pp. 14-15.
10. Illum, minbarra bosta studji li ippubblikajt fuq l-Inkiżizzjoni: bil-malti, bl-ingliż u bit-taljan, għadni kif ħriġt il-volum **Il-Maltin u l-Inkiżizzjoni**, KKM, 1977. Dan il-volum li jaqbeż il-mitejn paġna jiġbor fih biċ-ċa waħda mit-teżi tal-lawrja tiegħi; imma ma ġiex ippubblikat ħlief wara ħafna u ħafna revizjonijiet.
11. Ara BOGLINO, o .c., III, pp. 14-15.
12. B.C.P., 4Qq. D. 39, f. 152r.
13. Ib., f. 153r.
14. Ib., f. 152r.

> *The Castello was the medieval capital of Gozo and reminds one constantly of Mdina. Like Mdina, it was the seat of a university, had Rabat as a suburb and a splendid Cathedral designed by Lorenzo Gafa' ... There is no dome, but the most interesting part of the Cathedral is a painting by Antonio Manuele of Messina which gives the illusion of one.*
>
> *NINA NELSON*, *Malta G.C.*, London 1969, 140. 141.

www.gozocathedral.org.mt

Spanja, u eżattament ta' Kastilja (1217-1252) u ta' Leon (1230-1252). 'Il dak Ferdinandu, il-Knisja tqimu fuq l-artali.

Dan hu Ferdinandu I ta' Borbone li twieled f'Napli fis-sena 1751 u miet fis-sena 1825. Bħala Re ta' Napli (bejn is-snin 1759-1799, 1799-1806, 1815-1816) hu kien Ferdinandu IV. Imma, bħala Re ta' Sqallija, kif jissejjaħ fid-dokument li qegħdin nagħmlu użu minnu aħna, hu Ferdinandu III (1759-1816).

Ta' meta huma l-kitbiet?

Dan li jiena hawn qiegħed nikteb hu biss bħal daħla għad-dokumenti ta' Palermu. Il-materjal hu tant mifrux b'mod li jista' jkun l-argument ta' ktieb. Din il-kitba tista' tiswa għal min 'il quddiem ikollu f'moħħu li jikteb fuq it-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex.

Ma jidhirx li qatt kien hemm xi kitbiet uffiċjali fi żmien it-tmexxija tal-Kavallieri (1530-1798) biex il-gżira ta' Għawdex tinqata' bħala djoċesi għal rasha. Għalhekk, jidher li dawn il-kitbiet huma l-ewwel ittri li jitolbu ħaġa bħal din ħalli minn quddiem ir-Re ta' Sqallija titressaq quddiem is-Santa Sede.

Il-kitba hi marbuta maż-żmien ta' l-okkupazzjoni franċiża li nafu li kienet waħda qasira ħafna. Imma proprju dwar dan iż-żmien qasir tal-Franċiżi li d-dokumenti tal-Biblijoteka Komunali ta' Palermu jistgħu jitfgħu dawl speċjali (15).

L-Arċipriet Cassar: Gvernatur ta' Għawdex

Ma hux l-Arċipriet Cassar innifsu li jikteb lir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija. Imma dak l-Arċipriet jissemma b'ismu bla waqfien. Il-bidu tal-kitbiet juru tajjeb għaliex it-talba saret lir-Re ta' Sqallija. Il-Kavallieri kienu tilfu s-setgħa tagħhom fuq il-gżejjer tagħna. Fl-istess ħin, il-ħakma franċiża ma kenitx magħrufa bħala leġittma minn niesna.

Il-kitba, proprju fil-bidunett tagħha, tgħid li, malli l-Kavallieri spiċċaw minn Malta u Għawdex, 'il dawn il-gżejjer ħadd ma kellu l-jedd jeħodhom jekk mhux Ferdinandu III, bħala Re ta' Sqallija (16).

Inħallu fil-ġenb dawk id-dokumenti kollha li jittrattaw fuq il-gżira ta' Malta. Dwar dawn, jekk ngħid li jista' jinkiteb volum, inkun għedt ftit wisq. Sejjer immiss dawk li għandhom x'jaqsmu ma' Għawdex. U 'l dawn ukoll sejjer semplicement immisshom għaliex huma wisq.

Malta u Għawdex kienu jinsabu mqallbin. Imma lanqas il-Franċiżi ma kienu fuq fis-sod. L-Arċipriet Cassar fisser il-fehma ta' l-oħrajn ukoll meta jgħid li niesna kienu jafu li l-Franċiżi, ġurnata jew oħra, kienu sejrin iċedu, u jħallu dawn il-gżejjer. It-titlu ta' Gvernatur ta' Għawdex, matul dan id-dokument, hu bla waqfien marbut ma' l-isem ta' dan l-Arċipriet (17).

Xewqa li tinstama' bla ma tintiaqa'

Qegħdin fis-sena 1799. It-talba qawwija li tibqa' tirrepeti ruħha minn kitba għal oħra hi dwar it-twaqqif tad-djoċesi. L-Arċipriet Cassar għafas ħafna fuq dan il-bżonn għal Għawdex. Imma r-Re ma satax juri l-approvazzjoni tiegħu qabel ma jisma' x'igħidu dawk li jgħixu fil-gżira ta' Għawdex innifisha.

Għalhekk, it-talba ta' l-Arċipriet instemgħet bla ma ntlaqgħet. Ir-Re bagħat jitkixxef biex jara jekk hemmx xi possibilità li Għawdex jingħata dik id-dinjità. Flimkien mat-talba tad-Djoċesi, l-Arċipriet wassal l-oħra biex issir il-Qorti ta' l-Appell f'Għawdex. Imma l-Arċipriet innifsu ma kienx jaf li r-Re Ferdinandu kien qed jitnikker biex iweġeb għaliex kien qed jistenna li jasallu t-tagħrif li kien jixtieq mingħand persuna oħra li kienet f'Għawdex stess (18).

Djoċesi li trid tiġi iddotata

Persuna fdata mir-Re ta' Sqallija resqet quddiem l-Arċipriet Cassar, u tkellmet miegħu fuq il-każ. Ir-Re ried li jiġi nfurmat tajjeb jekk kienx jaqbel għas-Saltna tiegħu li tiżdied djoċesi ċkejkna.

L-ewwel każ li dwaru l-Arċipriet intalab tagħrif kien jekk Djoċesi f'Għawdex ikollhiex biex iżżomm fuq riġlejha.

L-Arċipriet ippropona dota għad-Djoċesi. F'Għawdex kien hemm żewġ benefizzji li kienu ġew ipprovduti mir-Re. Wieħed mill-benefizzji kien jissejjaħ **"Ta' Melen"** u, b'xorti tajba, dak il-benefizzju, f'dak iż-żmien, inzerta li ma kien f'idejn ħadd; dan kien jirrendi 20 Uqija fis-sena. Il-benefizzju l-ieħor kien **"Tal-Lunzjata"**. Min kellu f'idejh dak il-benefizzju kien xiħ akka u, billi kien jinsab miġbur fil-belt Valletta, hu sata' jitqies li kien diġà temm ħajtu. Skond l-Arċipriet, dak ma kienx sejjer jibqa' ħaj sa meta l-Franċiżi jkollhom iħallu l-gżejjer tagħna. Dak il-benefizzju kien ta' 110 uqijiet.

Barra minn hekk, l-Isqof ta' Malta, fil-fehma ta' l-Arċipriet, kien għani biżżejjed bil-qliegħ annwali ta' 25,000 skud ta' Malta; minbarra dawn, hu kellu l-pensjoni ta' Lentini fi Sqallija. Għalhekk, l-Arċipriet ippropona li, lill-Isqof ta' Malta titneħħilu l-pensjoni ta' Lentini, u din tingħata lid-Djoċesi ta' Għawdex flimkien ma' dawk iż-żewġ benefizzji li ssemmew aktar 'il fuq (19).

Għaliex tistħoqq Djoċesi f'Għawdex?

L-Arċipriet jiddefendi t-talba tiegħu billi jgħid li Għawdex jistħoqqlu tassew li jkun Djoċesi. Din il-gżira kellha seba' Parroċċi, li tnejn minnhom kienu Kolleġġjati. Il-Kolleġġjata l-oħra, minbarra l-Matriċi ta' l-Assunta, kienet il-Viżitazzjoni tal-Għarb. Il-Parroċċi l-oħrajn kienu: ix-Xewkija, Sannat, ix-Xagħra, in-Nadur, u ż-Żebbuġ (20). Kien hemm ukoll tliet Kunventi tal-Patrijiet: l-Agostinjani il-Franġiskani Konventwali, u l-Kappuċċini.

Il-Kolleġġjata ta' l-Assunta

Imbagħad, l-Arċipriet jintilef fit-tifħir tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta li kienet tagħmel minnu. Skond kliemu, hi kienet miżmuma bħala l-Omm tal-Knejjes kollha; hi kienet moqdija tajjeb ħafna b'19 il-Kanonku, li fosthom tnejn kienu dinjitarji; fiha kienu jservu wkoll 8 Kappillani tal-Kor, żewġ sagristani, u 7 Djakni. Il-Knisja ma kienet nieqsa minn xejn f'dak li hu meħtieġ għas-servizz liturġiku. Barra minn hekk, dejjem skond kliem l-Arċipriet, dik il-Knisja kellha arkitettura sabiħa u qadima.

L-Arċipriet issokta jgħid li l-gżira ta' Għawdex kien fiha 14,000 ruħ. Għall-kura spiritwali tagħhom, id-Djoċesi titqies meħtieġa għaliex l-affarijiet ma kenux sejrin tajjeb. L-Isqof kien jinstab 'il bogħod, u kien jinħoloq skomdu biex l-Għawdxin imorru għandu jkellmuh (21).

Fejn jixraq li l-Katidral ikun

Dan il-manuskritt li għandi f'idejja ma hux f'xi għamla ta' studju sħiħ li jibda u jibqa' sejjer. Hu biss ġabra ta' abbozzi ta' ħafna ittri, kopji ta' oħrajn li waslu, talbiet, u taqsir ta' proposti. Ir-ripetizzjonijiet huma kontinwi.

L-argumenti tal-bidu jerġgħu jirrepetu ruħhom. Imma dak li qed jippreżenta t-talba lir-Re f'isem l-Arċipriet Cassar jaf tajjeb kif l-affarijiet kienu jmorru. Hu kellu tagħrif ta' ġrajjiet id-Djoċesijiet ta' Sqallija. Għalhekk, skond fehmtu, bħalma Cefalù, Monreale, u oħrajn, għalkemm żgħar, ingatgħu għal rashom, hekk ukoll sata' jsir f'Għawdex (22).

Madankollu, kien meħtieġ li tinstab knisja li jkun jixirqilha li jkollha dik id-dinjità. Għal Għawdex, dan ma kienx joħloq l-ebda ostaklu. Il-Knisja Kolleġġjata ta' l-Assunta kienet, skond it-talba, l-akbar waħda tal-gżira. Imma l-kobor ma kienx l-aktar ħaġa mportanti. Hi kellha fiha kulma kien meħtieġ biex issir Katidral (23).

Il-pensjoni ta' Lentini: Problema

Meta l-każ tal-pensjoni ta' Lentini tressaq quddiem ir-Re, lilu wrewh ukoll li ma jaqbilx li Lentini jinqata' minn ma'

---

15. **Ib.**, f. 153r.
16. **Ib.**
17. **Ib.**
18. **Ib.**
19. **Ib.**
20. Ta' min jinnota li l-Arċipriet 'il San Ġorġ ma jsemmihiex bħala Parroċċa għal rasha. Għalkemm ġuridikament ma hux eżatt, ir-Rabat jitqies daqs li kieku ma kellux ħlief lill-Matriċi-Kolleġġjata bħala Parroċċa.
21. B.C.P., 4Qq. D. 39, f. 153r.
22. **Ib.**, f. 153v.
23. **Ib.**, ff. 153v-154r.

Malta. Madankollu, it-talba ta' l-Arċipriet tressqet b'mod li mbuttawha 'l quddiem. Bl-ebda mod, ma fittxew li jfixklu t-talba tal-Għawdxin.

Minn fuq Lentini, l-Isqof ta' Malta kien idaħħal 1466-il uqija. Dak id-dħul qawwi kien jorbot ħafna lill-Isqof ta' Malta mal-Kuruna ta' Sqallija. Għalhekk, għal raġunijiet pulitiċi, ma kienx jaqbel li dik ir-rabta tinħall.

Imma, anki meta tfisser lir-Re li Lentini ma kellhiex tingħata bħala dota għal Għawdex, xorta waħda ġiet proposta soluzzjoni oħra. Fi Sqallija, kien hemm djoċesijiet li kienu għonja ħafna fid-dota tagħhom. Tissemma d-djoċesi ta' Mazara; din ma kenitx sejra tiftaqar jekk titteħdilha xiħaġa biex tingħata lil Djoċesi ġdida li setgħet issir f'Għawdex.

Proposti bdew isiru waħda fuq oħra. Fosthom, kien hemm waħda li tolqot l-Ordni ta' San Ġwann. Il-Kavallieri, li komunement kienu bdew jissejħu ta' Malta, kienu għadhom kemm spiċċaw mill-gżejjer tagħna. Dan l-Ordni Militari kellu għadd ta' Kommendi anki fi Sqallija. Jekk xi waħda minn dawn il-kommendi tkun vakanti, kien hemm il-proposta li tingħata lid-Djoċesi ta' Għawdex (24).

Għaliex id-Djoċesi ma saritx?

Dawn kienu l-ewwel passi, jew aħjar l-ewwel aspirazzjonijiet, mibnijin fuq is-sod lejn it-twaqqif ta' Djoċesi f'Għawdex. Madankollu, għalkemm it-triq dehret miftuħa, is-soluzzjoni ma kenitx waħda ħafifa. Aħna ma rajniex ħlief aspett wieħed tal-problema.

Djoċesi ma kenitx titwaqqaf minngħajr ma tiġi kkonsultata tajjeb is-setgħa ċivili. Imma ġara li, fis-snin 1798-1800, fil-gżejjer tagħna ma kienx hawn setgħa aktar dgħajfa minn dik ċivili. X'qawwa sata' jkollu Ferdinandu III fuq Malta u Għawdex meta l-istess rappreżentanti tiegħu fil-gżejjer tagħna kienu bla saħħa u dejjem imbeżżgħin saħansitra għal ħajjithom?

Aspett ieħor tal-problema hu dwar dak li kien jidhrilhom l-Isqof u l-Kapitlu Metropolitan ta' Malta. U dawn ma tantx urew entużjażmu għat-talba tal-Għawdxin!

Fl-aħħarnett, il-kelma definittiva ma setgħetx tiġi jekk mhux mill-Papa. S'issa, lill-Papa ma rajnieh jidħol f'xejn. Dan ġara għaliex l-ostakli tat-tliejjija kienu għadhom ma ntrebħux.

Dawn huma argumenti ta' bosta studji li dwarhom għandi kwantità ta' dokumenti li diġà qegħdin f'idejja. Imma l-argumenti, 'il quddiem, jistgħu jiġu żviluppati fi studji oħrajn.

B'din il-kitba ftaħt tieqa oħra ċkejkna fl-istorja tal-Knisja ta' Għawdex. Missejt għal darb'oħra ġrajjiet il-Matriċi-Kolleġġjata ta' l-Assunta, meta, għall-ewwel darba, l-Awtoritajiet tefgħu għajnejhom fuqha biex jagħżluha bħala l-Katidral tad-Djoċesi ta' Għawdex.

ALEXANDER BONNICI ofm. conv.

---

24. Ib., f. 154r.

FRANCIS CARUANA

(TAL-BILLI)

TRIQ IR-REPUBLIKA, VITTORJA

fejn issibu kull kwalita' ta' Sanitary Fittings u Żebgħa
bi prezzijiet moderati.

www.gozocathedral.org.mt

On the feast of the Assumption of Our Lady
15th August, 1977

Once more the longed-for day has dawned
To Marian devotees among the rest outstanding,
When Heaven and Earth are joyfully combining
In solemnly celebrating Her glorious Assumption.

This imposing temple in Her honour raised
For the grand event is sumptuously decorated,
In red damask hangings gorgeously arrayed
With glowing crystal chandeliers overhead suspended.

Beneath the recently-crowned famous altarpiece
High altar, canopied, seems gaudily bedecked;;
Silver candlesticks, gold-embroidered vestments showing,
Sweet-scented flowers their strong fragrance shed.

Lo! a life-size statue to the public view exposed
Splendid, yet a dim reflection of Her heavenly self;
On a solid silver, richly adorned pedestal mounted
Under a blue-white, crown topped pavilion arms outstretched.

A starry diadem Her august head encircles,
Heavenly radiance the fair countenance emitting,
Sky-blue, snow-white robes adorn Her majestic figure,
Azure eyes to azure firmament gracefully uplifting.

At Her tender feet celestial spirits repose,
A tiny representation of the countless hosts,
Charming face the entranced onlookers beckons,
Irresistible urge Her beloved faithful closer draws.

Hail! Holy Queen, Mother and Vergin most powerful!
The choicest celestial favours continue to bestow,
Over Thy Suppliant flock protective mantle casting,
Their cries heeding, weal promoting and dispelling woe.

The timely succours in our direst distress
To Thy miraculous intervention clearly testified;
In the darkest days of the Second Great Siege
Unwavering faith in Thee was fully justified.

Let not our traditional confidence in Thee be shaken
Cause it to grow firmer and firmer still;
Suffer not our storm-tossed faith to founder
But mightily guard it against approaching ill.

When at last the evening shadows gather,
And this earthly pilgrimage is finally o'er,
Do Thou our lifelong guardian and guide
Conduct us to Thy heavenly mansions,
Thy wondrous vision to enjoy - eternal peace and bliss.

Lewis Gauci

www.stgoacathedral.org.mt

100 SENA ILU

IL-HATRA, KONSAGRAZZJONI U NGRESS TA' L-ISQOF PIETRU PACE

Minn

Winston L. Zammit B.A. (Hons.), M.A.

Mitt sena ilu, il-Papa Piju IX (1846-1878) ħatar lill-Prelat Għawdxi Mons. Prof. Pietru Pace, Isqof tad-djoċesi ta' Għawdex.

L-Isqof Pietru Pace, li kien iben Franġisku Pace u Margerita Stellini, twieled fir-Rabat t'Għawdex fid-9 t'April 1831, u fl-istess jum ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri, mill-Kanonku Arċipriet Dun Fortunato Cutajar. (1)

Meta kiber, iż-żagħżugħ Pietru Pace mar Ruma biex jistudja għas-Saċerdozju. Hemmhekk huwa studja t-Teoloġija, id-Dritt Kanoniku u Ċivili u l-Lingwi Orjentali. Hawn ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1854. (2) Wara l-ordinazzjoni Dun Piet ġie maħtur segretarju tal-Kardinal Santucci, u wara kien ukoll segretarju tal-Kardinal Panebianco. (3)

Ma nafux eżatt meta Dun Piet ġie lura Malta għal kollox, iżda nafu biċ-ċert li fl-1860 kien qiegħed hawn Malta u kien ukoll qiegħed jgħallem l-Iskrittura fis-Seminarju ta' l-Imdina. (4) Fl-istess sena Dun Piet intbagħat Ruma mill-Isqof Gejtanu Pace Forno, biex iwassal lill-Papa Piju IX is-somma ta' 25,980 skud li kienet nġabret għas-Santa Sede fid-djoċesi ta' Malta. Dun Piet wasal lura Malta fis-6 ta' Ġunju. (5)

Fl-1862 is-Santa Sede ħatret lil Dun Piet, Kanonku tal-Katidral ta' Malta. (6) Fl-istess żmien nsibu lil Dun Piet jirsisti sabiex Għawdex issir djoċesi għaliha. Fis-sena 1863 insibu li Dun Piet kien Ruma, u kien huwa li bagħat jinforma lill-Kapitlu tal-Matriċi bil-ħatra ta' l-Arċipriet Buttigieg bħala Isqof Awżiljarju għal Għawdex. (7)

VIGARJU ĠENERALI Fit-22 ta' Settembru 1864 bil-bolla "Singulari Amore" il-Papa Piju IX waqqaf id-djoċesi ta' Għawdex u ħatar lil Mons. M.F. Buttigieg bħala l-ewwel Isqof tad-djoċesi Għawdxija. (8) Tliet xhur wara (Diċembru 1864) l-imsemmi Papa ħatar lill-Kanonku Pietru Pace bħala l-ewwel Vigarju Ġenerali tad-djoċesi l-ġdida. (9)

Il-Kanonku Pace baqa' f'din il-kariga sakemm miet l-Isqof Buttigieg fit-12 ta' Lulju 1866. (10) Seba' t'ijiem wara l-mewt ta' l-imsemmi Isqof, il-Kapitlu tal-Katidral t'Għawdex ħatru Vigarju Kapitulari tad-Djoċesi. (11) Il-Kan. Pace li issa kien imżejjen ukoll bit-titlu ta' Prelat Domestiku ammin'stra d-djoċesi sal-21 ta' Ottubru 1866, għax f'dak il-jum wasal Għawdex l-Amministratur Apostoliku Mons. Pawlu Micallef Isqof ta' Citta' di Castello, li ħatru wkoll bħala Vigarju Ġenerali t'egħu. (12) Wara t-tluq ta' Mons Micallef,

1. A(rkivju) P(arrokkjali) S(an) Ġ(orġ) R(abat) Liber Baptizatorum (1813-33).
2. N. Vella Apap "F'egħluq il-mitt sena mill-ħatra ta' l-Isqof Pace etċ.", Għawdex Illum, I - IV - 1977.
3. "Malta", 29 - VII - 1914.
4. "Malta", 29-VII-1914 - "L'Ordine", 8-VI-1860.
5. "L'Ordine", 8-VI-1860.
6. Ibid., 7-III-1862.
7. "L-Għid ta' L-Assunta", 15-VIII-1971.
8. A. Bonnici, "History of the Church in Malta", Vol. III (Malta 1975) p. 26.
9. A. Ferris, "Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo" (Malta 1866) p. 609.
10. "L'Ordine", 20-VII-1866.
11. Ibid., 27-VII-1866.
12. Ibid., 26-X-1866, 9-XI-1866.

Mons. Pietru Pace kien ukoll Vigarju Ġenerali ta' l-Isqof Grech Delicata sa l-1869. (13)

PROFESSUR FL-UNIVERSITA' Lura f'Malta fl-1870 Mons. Pace kkontesta l-elezzjoni għall-Kunsill tal-Gvern, iżda baqa' l-art għax ġab biss 66 vot. (14) F' Diċembru ta' l-1875 reġa kkuntesta l-istess elezzjoni iżda reġa ma kellux suċċess. (15) Iżda fit-28 t'April tas-sena ta' wara (1876) ġie maħtur Professur tat-Teoloġija fl-Università. (16)

ISQOF TA' GĦAWDEX L-Isqof Anton Grech Delicata miet fil-31 ta' Diċembru 1876. (17) Id-Djoċesi Għawdxija baqgħet biss xahrejn bla ragħaj, għax fit-28 ta' Frar 1877 wasal telegramm minn Ruma bl-aħbar li l-Papa Piju IX kien ħatar lill-Professur Mons. Pietru Pace bħala Isqof ta'Għawdex. (18)

Mons. Pace telaq minn Malta għal Ruma fis-6 ta' Marzu biex ikun preżenti għall-konċistorju li kellu jsir fil-15 ta' Marzu u biex jiġi kkonsagrat Isqof. (19) Il-konsagrazzjoni tiegħu saret nhar is-7 ta' April 1877 fil-Knisja ta' San Carlo in Corso u kienet immexxija mill-Kardinal Howard li kien assistit minn Mons. Closkliff Isqof ta' Luisville u Monsinjur Folicaldi. (20)

LURA F'GĦAWDEX L-Isqof Pace wasal lura f'Malta nhar is-17 t'April 1877 u kellu laqgħa tassew sabiħa fix-xatt tal-Belt. Ħamest ijiem wara (22 t'April) Mons. Pace telaq għad-djoċesi tiegħu mix-xatt tal-Belt, fuq il-vapur Ingliż "Escort" li tqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu mill-Ammiraljat. (21)

Kif niżel l-Imġarr, l-Isqof Pace ġie milqugħ mill-Vigarju Kapitulari Kan. Saver Formosa, minn xi kanoniċi tal-Katidral u minn folla kbira ta' nies. Imbagħad l-Isqof daħal f'karozzella li wasslitu sar-Rabat fost l-għajjat u l-ferħ tal-folla. Viċin ir-Rabat in-nies qalgħu ż-żwiemel u ġibdu l-karozzella huma stess u baqgħu sejrin bl-Isqof sal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri, fost tixjir tal-bnadar u l-għajjat ta' "Viva PIO IX" u "Viva il nostro Vescovo". (22)

Fit-22 ta' Mejju 1877, l-Isqof Pace reġa' telaq għal Ruma flimkien ma' delegazzjoni Għawdxija, biex jieħdu sehem fil-festi tal-Ġublew tal-Papa Piju IX. L-Isqof wasal Ruma fis-27 ta' Mejju u hemmhekk flimkien mad-delegazzjoni, ippreżenta lill-Papa rigali f'isem id-djoċesi. (23)

L-INGRESS Meta l-Isqof ġie lura Għawdex bdew isiru tħejjijiet għall-festa ta' l-ingress li kellha ssir fit-2 ta' Lulju. Lejliet l-ingress, il-Ħadd 1 ta' Lulju fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs-in-nhar saret Akkademja ad unur ta' l-Isqof fis-Seminarju. Fit-tard kien hemm il-mixgħela u l-banda "La Nazionale Vincitrice" li nġiebet apposta minn Malta u xi baned oħra ferrħu lill-Għawdxin bid-daqq tagħhom. Kien hemm ukoll il-logħob tan-nar fi Pjazza Sab'na.

L-għada (2 ta' Lulju) kienet vaganza pubblika għall- Għawdxin, bl-ordni tal-Gvernatur. Fis-sitta ta' filgħodu l-Isqof telaq għall- Katidral akkumpanjat mill-Kapitlu u mill-Kleru, u fil-bidu tat-telgħa tal-Kastell is-seminarista Ġużeppi Cremona għamel id-diskors tradizzjonali. Imbagħad il-proċessjoni baqgħet sejra sal-Katidral li kien imżejjen għall-okkażjoni. Kif daħal l-Isqof tkanta t-Te Deum u wara Mons. Pace ċċelebra l-ewwel Pontifikal tiegħu.

Fis-siegħa ta' wara nofsinhar kien hemm pranzu li għalih kienu mistiedna l-Kapitlu tal-Kat'dral, il-parrokat, is-Superjuri tal-Kunventi, l-impjegati tal-Kurja u numru ta' nies minn Malta u Għawdex. Wara kien hemm it-tiġrijiet taż-żwiemel u fil-għax'ja kien hemm il-baned u l-mixgħela. (24)

---

13. J. Borg, "Il-Knisja Katidrali t'Għawdex" fil-ktieb "350 Sena Kolleġġjata 1623-1973", p. 42.
14. "L'Ordine", 23-VI-1870.
15. "Corriere Mercantile Maltese", 9-XII-1875.
16. Govt. Gazzette, 28-IV-1976, No. 2684. p. 113.
17. A. Bonnici, op. cit., p. 27,
18. "L'Orline", 1-III-1877.
19. Ibid., 8-III-1877.
20. Ibid., 19-IV-1877.
21. Ibid., 19-IV-1877, 26-IV-1877.
22. Ibid., 26-IV-1877.
23. Ibid., 17-V-1877, 24-V-1877, 14-VI-1877.
24. Ibid., 13-VII-1877.

www.gozocathedral.org.mt

IL-KATIDRAL T'GĦAWDEX

Tagħrif fil-qosor dwar l-arkitettura tiegħu

Mill-Perit Michael Ellul B.E. & A., Dip. Arch. (Rest), (Rome), A. & C.E.

L-istudjużi tal-arti u tal-istorja lokali, kif ukoll dawk kollha li huma midħla tal-kotba ippublikati fuq is-suġġett, kollha jinnotaw li fil-waqt li dwar l-arkitettura f'Malta inkiteb ħafna dwar dik f'Għawdex inkiteb relativament ftit. Din hi tassew ħasra għax l-arkitettura f'Għawdex fl-aspetti kollha tagħha, pre-istorika, militari, domestika u ekkleżjastika, kif ukoll ambjentali, mhiex anqas siewja fil-valur artistiku u storiku tagħha minn dik ta' Malta. Il-ħsieb ta' dan l-artiklu huwa li jagħti tagħrif fil-qosor dwar il-Knisja Katidrali ta' Għawdex mill-aspett arkitettoniku, aktar minn dak storiku li dwaru inkiteb wisq iżjed.

Is-sit okkupat mill-Katidral huwa tradizzjonalment konness mal-kult. L-eżistenza ta' tempju dedikat lil-Gunone fil-gżira t'Għawdex hija msemmija minn bosta storiċi klassiċi antiki, u l-probabbiltà hija li dan aktarx kien mibni fuq l-istess post fejn hemm il-katidral il-lum. Ma hemm xejn x'wieħed jistagħġeb jekk dan hu hekk, għax it-tkomplija tal-kult kristjan fuq l-istess imkejjen pagani li kien hemm qabel kienet ħaġa komuni, kif, ngħidu aħna, ġara fil-każ ta' Tas-Silġ, f'Marsaxlokk. Bejn l-ewwel knisja nisranija u dik tal-lum kien hemm naturalment oħrajn, għax il-ġebla tagħna, sabieħa kemm hi sabieħa, mhiex dejjiema, u teqdiem u titmermer bħal kull ħaġa oħra maħluqa. Il-ħajja tal-Katidral preżenti bdiet f'Settembru tal-1697 wara li l-knisja ta' qabilha kienet sofriet ħsara kbira fit-terremot ta' Jannar tal-1693, għad li kienet diġa' "bix-xjuħija tmermret", kif tixhed kitba mnaqqxa fl-istess knisja, li tfakkar ukoll li dik il-ġdida saret akbar u isbaħ.

Għawdex, bħal gzejjer u l-bliet kollha tax-xtut tal-Mediterran, kien minn dejjem il-mira tal-attakki tal-pirati u ħallelin tal-baħar għal sekli sħaħ, u kellu għalhekk ċittadella, jew belt fortifikata biex isservi bħala l-aħħar kenn għall-abitanti. Iċ-ċittadelli kienu jkunu mgħammra b'kollox u kienu jkunu imħejjija għall-assedji fit-tul, u kien ikollhom, barra mid-djar, imtieħen u mħażen tal-qamħ, fran, bjar u riservi tal-ilma, sptar, knisja u l-ħtiġijiet l-oħrajn kollha.

Il-pjanta tat-toroq taċ-Ċittadella Għawdxija hija medjevali, u jekk wieħed josserva tajjeb, jara li dawn huma konċentriċi, jiġifieri dawra ġo oħra, u li jsegwu bejn wieħed u ieħor il-linja tas-swar. Il-katidral huwa wara l-ħitan, u mħares sewwa minnhom, għalkemm dawn ma kienux biżżejjed, f'ċerti okkażżjonijiet, biex jinżamm l-għadu barra. Ta'

min jgħid hawn, li meta l-Katidral kont tidħol għalih mill-bieb oriġinali fis-sur, kellu valur ambjentali akbar, għax kien igawdi dak li jissejjaħ 'element tas-sorpriża', għax kont tasal għalih mhux eżatt minn quddiemu, iżda minn triq dejqa u mi'ksura li twasslek fi pjazza li ma tistennihiex – element ta' importanza kbira fl-arkitettura tant medjevali kif ukoll dik rinaxximentali.

L-arkitett tal-Katidral huwa l-magħruf Lorenzo Gafà, l-akbar u l-iżjed famuż arkitett ta' żmienu. Gafà twieled fil-Birgu fl-4 ta' Awissu tal-1639 (1), u kien jiġi ħu Meljorre, pittur u skultur xejn anqas famuż minn ħuħ. Lorenzo kien ġie mibgħut f'Ruma mill-Gran Kunsill tal-Ordni ta' San Ġwann, aktarx għal ħabta ta' l-aħħar tas-seklu sbatax, u ġie lura Malta mimli ħeġġa u entużjażmu għal Barokk Ruman, kif jixhed in-numru kbir ta' knejjes imxerrdin ma' Malta kollha. Għawdex huwa xorti'h tajba li għandu wieħed mill-isbaħ xogħolijiet ta' Gafà, dak, preċiżament tal-Katidral.

Il-faċċata ta' l-Assunzjoni taċ-Ċittadella hija l-aktar waħda sinċ'era fost ix-xogħlijiet kollha ta' Lorenzo Gafà. Għaliex? Għax il-forma ta' barra tirrifletti preċiż dik ta' ġewwa. In-navata ċentrali fuq ġewwa hija aktar għolja minn dawk tal-ġnub, u l-faċċata, fuq l-eżempju ta' l-arkitett Vignola li l-opri tiegħu Gafà kien jaf tant tajjeb, hija aktar għolja fil-arti tagħha tan-nofs milli tal-ġnub. Jgħaqqdu ż-żewġ l'velli differenti, hemm żewġ elementi trijangulari li jagħtu lil faċċata moviment plastiku mhux tas-soltu. Bħal fil-Kattidral l-ieħor t'egħu ukoll fl-Imdina, Gafà jagħmel użu minn żewġ ordnijiet klassiċi superimposti, jiġifieri wieħed fuq l-ieħor, il-Korint u l-Kompost. Karatteristika oħra ta' Gafà hija l-aggruppament ta' numru kbir ta' elementi arkitettoniċi fil-parti tan-nofs tal-faċċata: il-bieb, proporzjonat perfett, b'żewġ festuni u frontun fit-tond, niċċa-arzella bi statwa tal-^ssunta wkoll bi frontun għat-tond imma iżgħar, u fuq nett, ieħor, din id-darba trijangulari, li jagħti nota ta' finalità lill-faċċata fil-parti l-iżjed għolja tagħha.

Iż-żewġ ġnub, fuq kull naħa tal-bieb, joħolqu kuntrasti impressjonanti, bil-massa tagħhom ta' ħitan lixxi mingħajr ebda ornament. Ga'à ikompli jaseri'xxi s-sinċerità tal-kostruzzjoni meta jħalli minn barra, kif kien għamel Vignola fil-kn'sja tal-Ġesù f'Ruma, il-kontrafforti jew dawk il-ħitan ħoxnin li jilqgħu l-ispinta tan-navata ċentrali. H'ja verament ħasra li l-koppla tal-Katidral ma tkomplietx — kieku mbniet forsi kien ikollna

Kronaka tal-Parr

Saru Membri ġodda tal-Knisja bil-Magħmudija:-

Nru.	Data tal-Magħmudija	Isem tat-Tarbija	Isem u Kunjom il-Ġenituri
1.	22 - 8 - 76	Joseph	Ġorġ u Maria Antonia Cordina
2.	22 - 8 - 76	Joseph	Alessio u Josephine Mercieca
3.	22 - 8 - 76	Romena Mary	Wiġi u Rita Saliba
4.	26 - 8 - 76	Francene	Joseph u Elisabeth Farrugia
5.	12 - 9 - 76	Orietta	Joe u Doris Cardona
6.	12 - 9 - 76	Joseph	Alfred u Mary Galea
7.	19 - 9 - 76	Duncan Joseph	Carmelo u Mary Josette Camilleri
8.	19 - 9 - 76	Jason	Leone u Pawlina Xerri
9.	23 - 9 - 76	Anthony Mario	Frankie u Ġuża Bajada
10.	10 - 10 - 76	Adelaide	Joe u Dolora Attard
11.	10 - 10 - 76	Jacqueline	Koronatu u Maria Farrugia
12.	16 - 10 - 76	Marika	Joseph u Doris Scicluna
13.	21 - 10 - 76	Mario	Carmelo u Ġuża Micallef
14.	24 - 10 - 76	Robert	Carmelo u Carmela Grech
15.	24 - 10 - 76	Joseph	Edmond u Nancy Bugeja
16.	14 - 11 - 76	Mary Jane	Frank u Maria Xuereb
17.	8 - 12 - 76	Joseph	Joseph u Natalina Debrincat
18.	8 - 12 - 76	Miriam	Ġorġ u Ġenesia Farrugia
19.	8 - 12 - 76	Ronnie	Ġorġ u Karmena Grech
20.	25 - 12 - 76	Pawlina	Karistu u Angela Sultana
21.	25 - 12 - 76	Ruben	Pawlu u Maria Farrugia
22.	14 - 1 - 77	Noelle	Francis u Maria Galea
23.	14 - 1 - 77	Salvinu	M'Anġlu u Grace Galea
24.	20 - 1 - 77	James	Ronald u Jessie Borg
25.	21 - 1 - 77	Joseph	Anton u Rosaria Farrugia
26.	28 - 1 - 77	Joanne	Lewis u Karmena Calleja
27.	4 - 2 - 77	Mario	Ġorġ u Gracie Cassar
28.	10 - 2 - 77	Amabile	Victor u Lina Vella
29.	10 - 2 - 77	Joseph	Victor u Lina Vella
30.	12 - 2 - 77	Jeffrey	Lewis u Rita Camilleri
31.	6 - 3 - 77	Joseph	Toni u Maria Gauci
32.	6 - 3 - 77	Edelon	Joseph u Frances Spiteri
33.	27 - 3 - 77	Francesca	Joseph u Marisa Dimech
34.	2 - 4 - 77	Marion Patricia	Carmelo u Maria Buttigieg
35.	24 - 4 - 77	Veronika	Anton u Regina Vella
36.	24 - 4 - 77	Maria	Joseph u Tedia Portelli
37.	30 - 4 - 77	Ruth	Ġorġ u Yvonne Vella Muskat
38.	30 - 4 - 77	Ruben	Mario u Tereza Camilleri
39.	16 - 5 - 77	Maria	Francis u Rita Saliba
40.	16 - 5 - 77	Paul	Walter u Marthese Mompalao
41.	16 - 5 - 77	Frank	Manwel u Manwela Grech
42.	28 - 5 - 77	Joseph	Michael u Ġorġa Tewma

www.gozoathenaeum.org

rocca

1 ta' Awissu 1976
31 ta' Lulju 1977

43.	29 - 5 - 77	Micheline	Ġorġ u Doris Zahra
44.	29 - 5 - 77	Franco	John u Regina Bugeja
45.	26 - 6 - 77	Odette	John u Ġuża Corolna
46.	8 - 7 - 77	Yana Elisabeth	John u Tarċisja Haber
47.	17 - 7 - 77	Ruben Mario	Benny u Tania Grima
48.	17 - 7 - 77	Ruben	Tarċisju u Dolora Mercieca
49.	17 - 7 - 77	Lino Mario	Carmelo u Carmela Spiteri
50.	24 - 7 - 77	Anthony Charles	Saviour u Mariosa Grech
51.	29 - 7 - 77	Antonie	Amante u Marija Mercieca.

Dawk li f'din is-Sena daħlu jissaffew fil-Purgatorju:-

Awissu: Nazzarena Debrincat, Tabone John.
Settembru: Pawlu Axiaq.
Ottubru: Carmen Bugeja; Nikolina Xerri, Manwel Attard, Carmela Axiaq.
Novembru: Ċetta Zammit.
Diċembru: Ċetta Vento
Jannar: Toni Spiteri, M'Antonia Zammit, Toni Farrugia, Ġorġ Bugeja.
Frar: Francesco Grech.
Marzu: Mar'a Bonnici, Rosa Sultana, Paul Galea, Grace Abela.
April: Victoria Mercieca, Joseph Scicluna.
Mejju: Assunta Bezzina.

Dawk li daħlu għall-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied bis-Sagrament taż-Żwieġ:-

Awissu: Emanuel Galea u Maria Abela; Benny Grima u Tonia Sultana.
Settembru: Joseph Galea u Assunta Cassar.
Ottubru: Carmelo Mejlak u Anna Muscat; Anton Mercieca u Josephine Debattista; Carmelo Debrincat u Maria Vella.
Diċembru: Joseph Apap u Josephine Cassar.
Jannar: Michael Camilleri u Rose Vella.
April: Felix Grech u Lora Farrugia; Paul Tabone u Doris Grech; Grazio A. Grech u Grace Cauchi.
Mejju: Anton Bajada u Maria Bonnici.
Ġunju: Joseph Sultana u Mikelina Zammit; Ludovigu Azzopardi u Maria Vella
Lulju: Anton Camilleri u Connie Mompalao.

Tfal li bdew jieħdu Sehem Sħiħ fiċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bl-Ewwel Tqarbina

Subien: Cauchi Anthony; Cauchi Tonio; Cini Charles; Gauci Gerald; Micallef Charles; Psaila Anselm; Portelli Julian; Scicluna Mario; Xerri Daniel.
Bniet: Agius Raquel; Cassar Josephine; Grech Antonella; Grech Frances; Grima Mary Rose; Pillow Henrietta; Stellini Rose; Saliba Carol; Tabone Margaret; Vella Pamela.

Tfal li ġew Ikkonfermati fil-Maturità Nisranija bil-Griżma ta' l-Isqof:-

Subien: Camilleri Joseph;
Bniet: Caruana Maria; Azzopardi Miriam; Grech Jacqueline; Carmen Pace; Rapa Lorriane; Scicluna Rita; White Clare.

www.gozoathena.org.mt

IMPRESSJONIJIET FUQ IL-KATIDRAL

542 SENA ILU, nhar il-12 ta' Ottubru 1435, l-Għawdxi Nucio de Episcopo, li kien joqgħod fil-Kastell, għamel testment favur il-Knisja li llum hi l-Katidral ta' Għawdex.

Nucio, bla ebda dubju, qatt ma basar bl-importanza li għad ikollu t-testment tiegħu. Dan il-għaliex, s'issa, hu l-eqdem kitba li teżisti dwar il-Knisja li llum hi l-Katidral, li Nucio jsejjaħ "SANCTAE MARIAE MATRICIS ECCLESIAE", jiġifieri IL-KNISJA MATRICI TA' SANTA MARIJA. U dan fi żmien meta ebda Knisja oħra f'Malta jew f'Għawdex ma kienet tissejjaħ b'dan it-titlu f'dawk iż-żminijiet.

Mijiet ta' kittieba kitbu dwar il-Knisja Ewlenija ta' Għawdex matul il-ħames sekli u nofs li għaddew minn meta Nucio għamel it-testment tiegħu. Għażilna hawnhekk siltiet minn xi impressjonijiet li ħallew dwar il-Katidral xi awturi Ingliżi f'dawn l-aħħar 25 sena.

* In Rabat itself there are several places to see and visit. First and foremost comes the Citadel ... Inside the Citadel ... there is the Cathedral and the Commissioner's Office ... The Cathedral is worth a visit.

H.H. BICK, Walks in Gozo, Malta (1953), 10.

* *The Cliffs and high bastions of the Gran Castello still dominate the island; they mark the position of its heart, and lend it their enduringly brave and flamboyant confidence. Martial in this pastoral scene, its walls rise vertically against the inclined planes of the surrounding hills, obdurate in the upright contrast the make against the horizontal tops. ... Its bastions, ruined places, courts and minute prisions, are piled together in an elegant gesture of bravura, a crest as it were, upon the fortress hill, the island's helmet, plumed with the belfry and the high top of the Cathedral's facade held proudly against the sky.*

CHRISTOPHER KININMOUTH, The Brass Dolphins, London 1957, 92-3.

* The Cathedral was designed by the Maltese architect Lorenzo Gafà ... one of the best known and most accomplished architects to work in Malta during the rule of the Order ... The Church of Żejtun is thought by many to be Gafà's masterpiece. This may well be true architecturally but certainly no other urban church in the islands enjoys such a fine setting as the Cathedral in the Castello.

BRIAN BLOUET, Gozo, **Malta** 1965, 45.

* **Oggi molti edifici della cittadella presentano rovine disadorne. Fra quelli rimasti intatti si annoverano la Cattedrale, un'imponente chiesa costruita nello stile barrocco-romano su disegno di Lorenzo Gafà (1697-1711); e' priva di cupola, ma la pittura di Antonio Manuele all'interno sembra indicare che ne esisteva una originariamente.**

JOHN BEST, Guida turistica per le Isole di Malta e Gozo, Sliema 1968, 92.

www.gozocathedral.org.mt

GRAJJIET IMPORTANTI MATUL IS-SENA

10.8.76 Sar il-Kxif u t-Tberik tal-monument lill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex bejn il-1924 u l-1944. Iċ-ċerimonja kollha, li kienet tinkludi Konċelebrazzjoni Pontifikali, tmexxiet mill-Isqof ta' Għawdex, l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, peress li Mons. Arċisqof kien indispost. Ġorġ Pisani qara l-poeżija tal-okkażjoni l-Għanja taż-żewġ Ġawhriet.

15.8.1976 JUM SANTA MARIJA. Bħas-soltu minn sbieħ il-Jum sa tard billejl, numru bla ma jaqta' ta' Għawdxin u Maltin żaru l-Knisja Katidrali f'Għ'd ta' l-Assunta.

Fi tmiem il-Pontifikal Solenni tkanta 'Te Deum' ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni ta' l-ewwel Anniversarju mill-Inkoronazzjoni ta' l-Assunta.

Matul il-Jiem tal-Festi ingabret is-somma rekord ta' £M1407.59,0.

19.9.1976 Tħabbar li l-Parroċċa tal-Katidral ser tagħmel 'history-card' jew kabra ta' tagħrif fuq kull familja tal-parroċċa

22.9.1976 Egħluq il-112 il sena minn mindu l-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' l-Assunta stħoqqilha tingħażel bħala l-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

3.10.1976 Saret il-purċissjoni devota bil-Madonna tar-Rużarju.

9.10.1976 L-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi bierek it-Teatru ġdid Aurora wara li kien ġie ddikjarat miftuħ uffiċċjalment mill-Onor. Dr. Anton Buttigieg. It-Teatru hu proprjetà tal-Banda "Leone" li torganizza l-festi esterni ta' Santa Marija.

10.10.1976 L-E.T. Mons. Mikiel Gonzi għamel Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Katidral in konessjoni mal-kxif tal-monument lilu ddedikat fl-istess Katidral.

11.10.1976 Egħluq il-260 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

11.10.1976 Bit-tħabrik ta' Mons. Tumas Curmi, infetaħ uffiċċju ġdid għall-Prokuratur tal-Katidral fit-taraġ ta' l-istess Knisja.

17.10.1976 Mons. Ġużeppi Farrugia Dimech ħa l-pussess bħala Monsinjur Kuġtur tal-Kapitlu Katidrali.

17.10.1976 Dak inhar ukoll, it-teologu ġdid Mons. Carmelo Bajada għamel l-ewwel priedka minn mindu ħa dan l-uffiċċju.

12.10.1976 Festa ta' Sant' Orsola, kompatruna ta' Għawdex, li dari kellha devozzjoni kbira fil-Katidral u f'Għawdex kollu.

14.11.1976 Ftuħ ta' Ġimgħa għaż-Żgħażagħ organizzati mill-parroċċa tal-Katidral.

28.11.1976 Mons. Carmelo Scicluna, Arċipriet tal-Katidral telaq lejn l-Awstralja biex iżur l-emigranti Għawdxin hemmhekk.

28.11.1976 Bdew il-priedki tal-Avvent mill-Kwareżimalista Patri C. Della S.J.

30.11.1976 Tħabbar li l-Isqof Awżiljarju ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca, ex-membru tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex, inħatar Arċisqof ta' Malta.

1.12.1976 Għas-7 sena konsekuttiva ħareġ il-Kalendarju tal-Parroċċa b'qoxra bil-kulur dedikat lill-pussess ta' l-Arċipriet.

16.12.1976 Mons. Isqof Nikol Cauchi ta' l-ministeri tal-Lettorat u l-Akkolitat lil diversi seminaristi, fosthom lil Manwel Magro ta' din il-parroċċa.

16.12.1976 Bdiet in-Novena Biblika bi preparazzjoni għall-Festa tal-Milied.

25.12.1976 JUM IL-MILIED. Il-Kor 'Maria Assunta' qabel il-funzjoni ta' nofs

il-lejl għamel programm ta' kant ta' Carols fuq il-presbiterju tal-Katidral.

3.1.1977 Tbiddel l-orarju tal-ħinijiet tal-quddies fil-Kat'dral matul il-ġranet tax-xogħol. L-orarju kien ilu ma jinbidel mill-1956..

19.3.1977 Reġgħet saret quddiesa fil-Kappella ta' San Ġużepp ta' fuq is-Sur. Din il-Knisja kienet għodda waqgħet kieku xi snin ilu ma bdiex ir-restawr tagħha minn grupp ta' abbatini imexxija minn Fr. Anton Mercieca u s-Sur Anton Spiteri.

20.3.1977 Bdew l-Eżerċizzi Spiritwali għan-nisa u għall-irġiel mill-Provinċjal Patri Elija Vella o.f.m. conv.

7.4.1977 Numru kbir ta' qassisin u djakni minn Għawdex kollu ikkonċelebraw flimkien ma' l-Isqof fil-Quddiesa tat-Tberik taż-Żjut Imqaddsa.

8.4.1977 IL-ĠIMGĦA L-KBIRA. Għat-tieni sena ħarġet il-purċissjoni tal-Passjoni forma ta' pageant nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

10.4.1977 ĦADD IL-GĦID. Beda t-tberik tad-djar mill-membri tal-Presbiterju Parrokkjali tal-Katidral.

30.4.1977 Ftuħ tas-SENA MARJANA fid-Djoċesi ta' Għawdex b'quddiesa konċelebrata mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Cauchi.

15-22.5.1977 Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika fil-Katidral.

19.5.1977 L-Ewwel Tqarbina u għoti tal-Griżma ta' l-Isqof minn Mons. Arċisqof Emeritus Mikiel Gonzi.

22.5.1977 Egħluq Espożizzjoni Solenni b'konċelebrazzjoni u Purċissjoni Pontifikali mexxija minn Mons. Isqof Redent Gauci O.Carm.

25-27.5.1977 Saru 3 konferenzi marjani in konnessjoni mal-Kungress Marjan f'Għawdex. Ippriedka Patri Alex Bonnici O.F.M. Conv.

29.5.1977 Fi tmiem il-quddiesa ta' Għid il-Ħamsin, l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex, intona "Te Deum" ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni tal-25 anniversarju tal-ordinazzjoni tiegħu saċerdotali u tal-10 anniversarju tal-ordinazzjoni episkopali li t-tnejn kienu saru fl-istess Katidral fid-29 ta' Marzu 1952 u fid-9 ta' April 1967 rispettivament.

12.6.1977 Il-festa tal-'Corpus' kienet għall-ewwel darba iċċelebrata il-Ħadd wara s-soppressjoni tagħha minn festa pubbli'ka u minn festa ikkmandata.

18.7.1977 Saret l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Louis Bezzina, Ġorġ Grima, Pawlu Cardona, Carmelo Borg u Joe Galea. Kienu ordnati djakni G.B. Cremona, J. Farrugia u F.Tabone.

20.6.1977 Waqt Pageant dwar il-Madonna fis-Silver Jubilee Ground, il-parroċċa tal-Katidral ippreżentat 'float' fuq l-Assunzjoni.

TOBACCONIST
J.C. MEJLACK ZAMMIT
Wines & Spirits Merchant

FOR TRAVEL AND INSURANCE
call at

JOHN PORTELLI ENTERPRISES

TRAVEL AGENTS — TOUR PLANNERS

Head Office: 7, IT-TOKK, VICTORIA. TEL. 76236
Branch: 108, ST. JOHN STREET, VALLETTA. Tel. 627016

- AIR — RAIL — SEA TICKETS
- TRAVELLERS' CHEQUES — TRAVEL INSURANCE
- HOTEL ACCOMODATION — SEA CRUISES
- INCLUSIVE TOURS TO U.K., FRANCE, ITALY, etc.

Ask for programmes and information:
WINDSOR TOURS
CANA TOURS
CIRCULAR TOURS
VIAGGI PAOLINI
CHEAP RAIL TICKETS IN ITALY

HEMPEL'S MARINE PAINTS (MALTA) LTD.

MANUFACTURERS OF

HIGH QUALITY

HOUSEHOLD, INDUSTRIAL AND
MARINE PAINTS

SUPPLIERS TO THE MALTA GOVERNMENT, LEADING INDUSTRIAL FIRMS & THE BUILDING INDUSTRY

28B, SOUTH STREET, VALLETTA.
Tel. Cen. 625911, 22215.

www.gozocathedral.org.mt

L-ARĊIPRIET TAL-KATIRDAL FL-AWSTRALJA

Is-saċerdot fid-dinja tal-lum, iktar minn żminijiet oħra, jeħtieġ li jibni l-ħidma pastorali tiegħu fuq dimensjoni universali. Ma jistax is-saċerdot jissejjaħ tabilħaqq ħaddiem awtentiku tal-Vanġelu ta' Kristu jekk hu jibqa' magħluq fiċ-ċirku lim'tat u ristrett tal-parroċċa tiegħu u ma jippruvax jiftaħ u jwessa' dejjem aktar l-orizzonti pastorali tiegħu.

Il-Papa attwali fl-Eżortazzjoni Apostolika tiegħu "Marialis Cultus" jgħ'dilna li l-Verġni Marija fil-Vanġelu tidher bħala Omm li jimpurtaha mhux biss minn Binha Ġesù, imma tidher ukoll bħala Omm li qawwiet fi Kristu 'l-ġemgħa ta' l-Appostli; u fil-ħajja tagħha, il-Madonna dejjem fettxet li twessa' l-missjoni tagħha sakemm fuq il-kalvarju saret universali. Hekk ukoll is-saċerdot ta' l-era postkonċ'ljari hemm bżonn li pastoralment tinteressah mhux biss il-parroċċa tiegħu imma l-Knisja kollha. Sakemm is-saċerdot jibqa' magħluq fl-ambjent tat-territorju parrokjali tiegħu, ma jistax jgħ'd li miexi fuq il-passi ta' Kristu li ġie fid-dinja biex isalva l-'ll-bnedmin kollha, mingħajr distinzjoni ta' lewn fil-ġilda, ta' nisel firrazza u ta' klassi fis-soċjetà.

It-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Dommat'ka "Lumen Gentium", fil-paragrafu 28 itambar bi sħiħ fuq dan l-ideal li jeħtieġ li jilħqu s-saċerdot f'dawn iż-żminijiet. Difatti aħna, fl-istess dokument naqraw: "Is-saċerdoti dejjem ħerqana għall-ġid ta' ulied Alla ifittxu li jagħtu s-sehem tagħhom għall-ħidma pastorali tad-djoċesi kollha, anzi tal-Knisja kollha". U s-S'nodu ta' l-Isqfijiet tas-sena 1971 f'dokument speċjali jistqarr li s-saċerdot, għalkemm jeżerċita l-ministeru tiegħu f'kommunità partikulari, ma jistax jiddedika l-enerġiji tiegħu kollha għal grupp wieħed ta' fidili, imma jeħtieġ li fl-apostolat tiegħu jkollu bħala mira prinċipali l-universalità tal-Kn'sja.

Kienu dawn u motivi oħra li wasslu lill-Arċipriet tal-Kat'dral, Mons. Carmelo Scicluna, biex iħalli l-parroċċa tiegħu f' Novembru 1976 u jmur għal ġimgħat sħaħ fl-Awstralja fejn seta' jagħmel kuntatt personali ma' bosta u bosta emigranti oriġ'nati mill-parroċċa tiegħu stess u minn diversi parroċċi oħra t'Għawdex. L-iskop ta' dawn il-kuntatti tal-Arċipriet tal-Katidral kien li jagħmel it-tentattivi possibbli ħalli jsaħħaħ il-fidi ta' niesna emigrati u jqarreb oħrajn lejn Kristu.

L-istess tagħlim konċ'ljari, fid-digriet "Christus Dominus", fl-artiklu 18, jinsisti mhux ftit mas-saċerdoti fuq il-fatt "li

Ir-ritratt juri lill-Arċipriet waqt riċeviment li ġie mogħti lill-emigranti tal-parroċċa f'sala ta' Glengala Road, West Sunshine.

għandha tittieħed kura speċjali ta' dawk in-nies li minħabba l-kundizzjoni tal-ħajja tagħhom kellhom iħallu l-art twelidhom u hekk jinfatmu mill-ministeru ordinarju tal-kappillan tagħhom". Fil-kategorija ta' dawn in-nies, l-Konċilju jsemmi b'mod partikulari lill-emigranti. Il-Papa Pawlu VI, f'messaġġ għall-okkażjoni ta' "Jum l-Emigranti" ta' din is-sena, fakkar fuq kollox ir-responsabiltà kollettiva li taqa' fuq il-parroċċa lokali f'dan il-qasam lebes tal-ħidma pastorali fost l-emigranti. Dan it-tagħlim kollu jimmira lejn orjentament universali fil-ħidma pastorali tas-saċerdot. Fuq dan il-prinċipju wkoll jinsistu l-Motu Proprio 'Pastoralis Migratorum Cura' tal-Papa Attwali, l-istruzjoni 'Nemo Est' fuq il-kura pastorali ta' l-emigranti u id-Direttorju Ġenerali għall-kura pastorali tat-turisti, "Peregrinans In Terra."

Għalhekk iż-żjara ta' l-Arċipriet tal-Katidral fl-Awstralja għandha prinċipalment titqies bħala estensjoni tal-ħidma pastorali tiegħu, ħidma li taqbel perfettament mal-mentalita' kontemporanja tal-Knisja f'dak li hu xogħol għall-ġid ta' l-erwieħ.

Bosta kienu ż-żjajjar li Mons. Arċipriet għamel lill-emigrati fl-Awstralja — speċjalment lil dawk li għandhom nieshom reġistrati mal-parroċċa tal-Katidral. L-Arċipriet intebaħ kemm dawn iż-żjajjar għandhom valur terapewtiku spiritwali. Il-psikoloġisti u l-psikjatri jgħidulna li ċerti pazjenti tagħhom jaqbdu t-triq tal-fejqan meta huma jibdew jirrakuntaw l-istorja ta' ħajjithom: huma ikunu qegħdin japplikaw għalihom infushom il-vera terapija li jeħtieġu biex ifiequ. M'hemmx dubju li s-saċerdot jgħin mhux ftit lil dawk il-familji li jkunu maħkumin minn mard spiritwali u jgħinhom jakkwistaw il-fejqan li jeħtieġu. Il-mediċina li jwassal is-saċerdot fil-familji tissejjaħ "KRISTOTERAPIJA" jiġifieri jagħtihom lil Kristu bħala rimedju mediċinali għall-mard tagħhom. Fid-dawl ta' Kristu, s-sħab li jkun inġabar fuq dawn il-familji jgħib u l-istess familji jħossuhom jintlew bit-tama u bil-hena fis-sejbien ta' Kristu li jkunu tilfu.

Kien dan il-messaġġ li l-Arċipriet tal-Katidral wassal lil tant familji Għawdxin fl-Awstralja, messaġġ ta' tama fil-ħajja eskatoloġika; hija din it-tama li ssaħħaħ in-nar tal-fidi fejn din tkun għadha ħajja, u terġa' tkebbsu fejn l-irwiefen tal-ħajja jkunu ppruvaw jitfuh.

Ir-ritratt ta' fuq juri lill-Arċipriet mal-ġenituri u t-trabi li għammed.

Ir-ritratt tal-ġenb juri lill-Arċipriet mal - kommunità liturġika wara l-quddiesa fil-Knisja ta' St. Bernardette.

L-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Ph.D., Lic.Sc.Soc.,

25 SENA SACERDOT - 10 SNIN ISQOF

Is-sena 1977 tfakkar żewġ ġrajjiet l-aktar importanti għal maħbub Isqof tad-djoċesi tagħna, Mons. Nikol Cauchi: egħluq il-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali kif ukoll egħluq l-10 snin mill-ordinazzjoni episkopali tiegħu. F'dawn iż-żewġ anniversarji speċjali ta' Monsinjur Isqof xieraq li wieħed jagħti xhieda li meta l-mikroskopju ta' l-opinjoni pubblika jiffoka fuqu l-lenti tiegħu, dan jurih bħala bniedem fil-kariga għolja u mhux il-kariga għolja fil-bniedem li ħolqot lill-Isqof Cauchi u biddiet ismu f'sinonomu ta' attivita' favur il-promozzjoni umana.

25 SENA ILU

Għaddew 25 sena minn meta l-Isqof Cauchi ġie ordnat saċerdot fil-Katidral ta' Għawdex, nhar id-29 ta' Marzu 1952, mill-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Ġużeppi Pace S.Th.D., PH.D., J.C.D. Din id-data għal Dun Nikol - kif kien magħruf bħala saċerdot - kienet tfisser il-bidu ta' era ġdida, era ta' evanġelizzazzjoni li "mhi għal ħadd għemil individwali u iżolat, imma hija ħidma profondament ekkleżjali". (Evangelii Nuntiandi, art. 60) U biex ikun tabilħaqq evanġelizzatur awtentiku fl-għalqa tal-Mulej bħalma jitolbu l-eżiġenzi pastorali ta' żminijietna, dan is-saċerdot ġdid mar Ruma fl-istess sena 1952 biex jispeċjalizza fl-istudji tal-Filosofija u fit-tagħlim soċjali tal-Knisja. Matul iż-żmien ta' studju ġewwa Ruma (1952 - 1955) dan il-qassis żagħżugħ, fil-parroċċa ta' Ladispoli, wassal il-messaġġ tal-Vanġelu li tiegħu hu kien sar ministru biex ikun jista' jgħaddih lil ħaddieħor. Fil-ħidma tiegħu saċerdotali bħala ħabbâr tal-Kelma t'Alla, Dun Nikol kien fehem li "il-Knisja qegħda tħares bħala wirt għażiż u ħaj dak li fihom il-Vanġeli, u għalhekk dak li għandu x'jaqsam mal-evanġelizzazjoni ġie fdat f'idejha mhux biex iżżommu moħbi, imma biex tgħaddih lill-oħrajn" (Dok. cit., art. 15)

Wara li ġie lura lejn Għawdex minn Ruma fejn kiseb id-dottorat fil-Filosofija kif ukoll il-Liċenzjat fis-Soċjoloġija, dan is-saċerdot ħabrieki, fl-1956, ġie maħtur kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana fejn dam sas-sena 1963. Matul dan iż-żmien huwa ħadem bis-sħiħ biex il-kommunità nisranija li ġuridikament issa kien tagħha responsabbli turi koerenza f'dak li temmen u f'dak li twettaq fil-ħajja ta' kuljum, għax hu kien jaf li l-evanġelizzazjoni jeħtieġ li tkun mibnija fuq id-dimensjoni tal-kredibiltà biex tagħti l-frott meħtieġ.

Kienet is-sena 1963 meta Dun Nikol Cauchi, wara li minn rajh irrinunċja għall-parrokat, ġie maħtur Prefett ta' l-Istudji fis-Seminarju Djoċesan. F'din il-kariga l-ġdida, huwa minnufih xeħet fuqu nnifsu d-dawl tas-"searchlights" tal-kritika kostruttiva biex ikun jista' jm'dd għonqu għax-xogħol ġdid u jwettaq fis-Seminarju - il-fabbrika li tipproduċi s-saċerdoti l-ġodda - it-triq twila u iebsa tar-riforma fl-istudji preċiżament kif mitluba mill-Konċilju Vatikan II li kien qiegħed jinżamm fl-istess żmien u b'mod

IL-KOMMUNITA' PARROKKJALI TAL-KATIDRAL
TIFRAĦ LILL-E.T. MONS.
NIKOL Ġ. CAUCHI
Ph.D., Lic.Sc.Soc.,
ISQOF TA' GĦAWDEX,
FL-OKKAŻJONI TAŻ-ŻEWĠ ANNIVERSARJI
LI QED IFAKKAR DIN IS-SENA.

speċjali kif insibu fid-Digriet 'Optatam Totius'.

Matul dan iż-żmien, Dun Nikol dejjem żamm quddiem għajnejh il-prinċipju li l-mistrieħ inħalluh għad-dinja l-oħra u għalhekk ma kellux biss il-ħidma tqila tas-Seminarju, imma kien l-arterija prinċipali ta' kull attivita' u ħajja tal-Moviment Azzjoni Soċjali f'Għawdex, kif ukoll

tar-rivista mensili "Il-Ħajja f'Għawdex" - ħomlet li bihom xtaq jagħti kontribut sħiħ għall-iżvilupp integrali tal-bniedem.

DUN NIKOL JILĦAQ ISQOF

Fl-1967 Dun Nikol laħaq Isqof Awżiljarju ta' l-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, kif ukoll Amministratur Apostoliku għad-djoċesi "Sede Plena". Huwa nħatar Isqof Djoċesan t'Għawdex, wara l-mewt ta' Mons. Pace, fl-1972. Fid-9 ta' April, f'ċerimonja tassew solenni, Dun Nikol ġie ordnat Isqof fil-Knisja Katidrali t'Għawdex mill-E.T. Mons. Martin O'Connor Nunzju Apostoliku.

Ir-riforma fil-Liturġija, ir-riforma amministrattiva, nkluża dik finanzjarja u l-predikazzjoni tal-Kelma t'Alla huma fost tant ħwejjeġ oħra, karatteristiċi partikolari fl-episkopat ta' l-Isqof Cauchi fl-10 snin li ilu jmexxi d-djoċesi Għawdxija.

Il-Papa attwali kien stqarr li l-Liturġija għandha tokkupa l-ewwel post fil-Knisja ta' Kristu. Mħeġġeġ minn dan il-prinċipju tal-Vigarju ta' Kristu, l-Isqof Cauchi beda minnufih din ir-riforma fil-liturġija kif mfassal mill-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni "Sacrosanctum Concilium".

Fil-21 ta' Ġunju 1968 ħarġet il-Motu Proprio "Pontificalia Insigna" bl-iskop li jissimplifika l-privileġġi ta' l-Isqfijiet halli jagħtihom tifsira aktar pastorali u korrispondenti maż-żminijiet. Id-direttivi ta' dan il-Motu Proprio bdew japplikaw fit-8 ta' Settembru ta' l-istess sena. Wieħed mill-privileġġi episkopali li ġie mneħħi kien it-tron ta' l-Isqof biex minflok t'ntuża s-sedja veskovili. Il-Motu Proprio jgħid li din is-Sedja għandha turi tabilħaqq il-funzjoni ta' l-Isqof li jkun jippresiedi l-laqgħa liturġika, b'mod li tixraq lill-mexxej spiritwali u mhux lil xi prinċep.

Fis-7 ta' Settembru 1968 tneħħa t-tron ta' l-Isqof mill-Katidral u fl-1971 tpoġġiet is-Sedja attwali li ġiet approvata mill-Kongregazzjoni tar-Riti, llum tal-Kult Divin, flimkien ma' "sketch" anki dwar l-artal mejda.

Ħadd ma jista' jiċħad li l-Isqof Cauchi wettaq is-simplifikazzjoni kollha ta' dawn il-privileġġi kif mitluba mill-Motu Proprio: huma l-fatti li jitkellmu waħedhom.

Anki r-riforma fl-abiti u fil-privileġġi ta' Prelati, Kanoniċi u Kappillani fid-djoċesi t'Għawdex bdiet ukoll il-mixja tagħha skond id-direttivi tas-Sede Apostolika. Però, waqt li Mons. Cauchi kien kollu kemm hu mħejji biex inaqqas il-privileġġi tiegħu, huwa ma naqasx li jimxi b'għaqal u prudenza fit-tneħħija ta' dawk ta' l-oħrajn. Dan ma kienx aġir kontra n-normi ta' Ruma, għaliex waqt li r-riformi kienu qegħdin jitwettqu "gradatim", min-naħa l-oħra s-sentimenti u l-opinjoni pubblika kienet qed tiġi mħejjija għalihom mingħajr ma tiġi irritata.

Wieħed ma jridx jonqos li jirrispetta l-ambjent u l-mentalità tiegħu għax inkella flok il-ġid jitnissel id-dannu: il-mentalità ta' poplu mhux ser tinbidel f'ħakka ta' għajn. Tant hu hekk li fil-Brażil ġara dan il-każ li nkiteb fl-Osservatore Romano mill-Kardinal Rossi. Wieħed qassis olandiż mar f'parroċċa fil-Brazil għall-ħidma pastorali. Hawnhekk huwa sab li kien għadhom isiru bosta purċissjonijiet li, fl-opinjoni ta' dan is-saċerdot, kienu ħela ta' enerġiji u ta' żmien. Għalhekk, dan il-leader tal-erwieħ neħħa minnufih għal kollox dawn il-purċissjonijiet tradizzjonali, biex il-fidili jkollhom aktar żmien jistudjaw il-Bibbja. B'għaġeb kbir tiegħu, wara ftit żmien, il-qassis Olandiż sab ruħu waħdu u nduna li kien qatel il-kommunità nisranija b'dak l-atteġġjament imprudenti tiegħu. U biex terġa' tinbena l-kommunità, l-istess saċerdot kellu jerġa' jdaħħal forom oħra ta' purċissjonijiet li hu kien tajjar. Dan juri biċ-ċar kemm kien għaqli l-Isqof tagħna meta nsista li l-għan prinċipali tar-riforma liturġika kien li l-kommunità tieħu sehem ħaj sħiħ, mifhum, u kommunitarju fil-funzjonijiet liturġiċi.

Din il-verità jixhdu t-twaqqif ta' korijiet parrokkjali f'kull parroċċa, l-għosrien kantati bil-Malti li ta' spiss isiru f'diversi knejjes tad-djoċesi, il-parteċipazzjoni mil-lajċi - irġiel u nisa - fil-Liturġija tal-Kelma, l-amministrazzjoni kommunitarja tas-Sagramenti tal-Magħmudija, tal-Griżma ta' l-Isqof u tal-Griżma tal-Morda. Diversi drabi, dan is-Sag-

www.gozocathedral.org

rament ġie amministrat lill-morda miġbura fil-knejjes parrokkjali.

Illum nistgħu ngħidu li bil-ħidma ta' l-Isqof Cauchi, l-lajċi jinġabru fil-knisja mhux bħala spettaturi passivi, imma biex jiffurmaw irwieħhom f'assemblea liturġika. U biex din il-liturġija tkun aktar ħajja fil-parroċċi tad-djoċesi tagħna, l-Isqof ħa ħsieb li jitwaqqfu s-Senat Presbiterali, l-Kunsill Pastorali, il-Presbiterju Parrokjali, il-Kunsill Parrokjali u bosta istituzzjonijiet oħra post-konċiljari biex flimkien mal-Kummissjoni Liturġika jagħtu s-sussidju meħtieġ ħalli l-Liturġija tibqa' ħajja fid-djoċesi tagħna.

Tabilħaqq li l-Isqof Cauchi fl-episkopat t'egħu ta' għaxar snin, stieden, bi kliem il-Konċilju lill-lajċi kollha "biex jingħaqdu dejjem aktar ma' Kristu u jħossu li hu tagħhom dak kollu li hu tiegħu halli hekk jingħaqdu miegħu għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ", (Apostolicam Actuositatem, art. 33)

Iżda r-riforma li Mons. Nikol Cauchi fiż-żmien qasir li ilu jmexxi d-djoċesi Għawdxija ma tillimitax ruħha biss għal-Liturġija. Waħda mill-problemi li l-Isqof Cauchi kellu jħabbat wiċċu magħhom kienet dik tar-riforma fl-amministrazzjoni tal-beni tal-Knisja.

Bis-saħħa tad-"Documento di Base", imħejji mill-Kumitat Lemieux, twaqqfu fid-djoċesi tagħna l-Kunsill Rappreżentattiv u l-Kumitat Finanzjarju Djoċesan, bl-iskop li dawn igħinu għat-twettiq tar-riforma meħtieġa fl-amministrazzjoni tal-beni ekkleżjastiċi. Minn hawn kien jiddependi s-salarju tal-Kleru skond il-prinċipji mfissrin fil-"Presbyterorum Ordinis" u dokumenti oħra.

Dawn iż-żewġ kumitati taħt it-tmexxija ta' l-Isqof Cauchi ħadmu bl-akbar effiċjenza u kellhom riżultati ferm tajbin.

Ir-riforma fl-amministrazzjoni tal-beni ġabet magħha wkoll il-ħtieġa tar-riforma fil-lokal tal-Kurja u llum nistgħu ngħidu li għandna Kurja attrezzata b'dak kollu li hu meħtieġ skond l-esiġenzi ta' żminijietna fil-qasam ta' l-ekonomija. U l-istrutturi għall-amministrazzjoni ma llimitawx ruħhom għall-Kurja djoċesana biss. Anki fil-parroċċi, twaqqfu l-uffiċċji li, waqt li jaħdmu b'ċerta awtonomija, però fl-istess ħin huma regolati mill-policy li titfassal fil-Kurja.

U biex wieħed jieħu idea kemm l-Isqof Cauchi għandu l-mentalità tal-Knisja tal-lum dwar l-għajxien tal-Kleru, ġew ippublikati (a) skim għat-titjib finanzjarju tal-Kleru Djoċesan t'Għawdex; (b) normi għas-simplifikazzjoni tal-Legati u Fundazzjonijiet Pijі; (c) Estacode ta' Karigi u Mpenji; u (d) Handbook għat-tmexxija ta' l-Uffiċċju Parrokkjali. Dawn il-publikazzjonijiet kollha juru sewwa b'liema serjetà l-Isqof Cauchi daħal għal din ir-riforma u għas-soluzzjoni tal-problema finanzjarju. Dan ma jfissirx li m'għadx fadal xi jsir aktar f'dan il-kamp, imma wieħed jeħtieġ jammetti li kollox fid-dinja qiegħed fi stat ta' żvilupp u evoluzzjoni u allura anki r-riforma amministrattiva tal-Kurja t'Għawdex għad tkompli tittejjeb.

Nota oħra dominanti fl-Episkopat ta' l-Isqof Cauchi hija bla dubju ta' xejn il-predikazzjoni tal-Kelma t'Alla. U biex jasal għal dan l-iskop tax-xandir tal-Vanġelu "li huwa wieħed mid-dmirijiet ewlenin ta' l-Isqof", (Christus Dominus art. 12), dan ir-Ragħaj Maħbub tad-Djoċesi Għawdxija qiegħed ifisser dan it-tagħlim ta' Kristu "b'mod li jaqbel mal-ħtiġijiet taż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom" (Christus Dominus, art. 13) u wkoll qiegħed jirrikorri "għall-mezzi li llum huma disponibbli." (Christus Domiuns, art. 13). Biżżejjed wieħed jaqra l-Ittri Pastorali u ċ-Ċirkularijiet ta' l-Isqof Cauchi biex huwa jikkonvinċi ruħu minn din il-verità. Il-Papa Renjanti fl-artiklu 68 ta' l-Ittra Appostolika "Evangelii Nuntiandi" ħeġġeġ lill-Isqfijiet b'dan il-mod: "magħqudin mas-Suċċessuri ta' Pietru, l-Isqfijiet, li huma s-suċċessuri ta' l-appostli, jirċievu bis-saħħa ta' l-ordinazzjoni episkopali tagħhom, l-awtorità li jgħallmu lill-Knisja, il-verità rivelata." L-Isqof Cauchi animat minn din l-eżortazzjoni medd għonqu għax-xogħol iebes ta' Sinodu Djoċesan li bħal issa għadu jinsab fi stat ta' studju bit-tama li ma jdumx ma jkun finalizzat għall-ġid spiritwali ta' kulħadd. U hekk kif mutur ta' karozza, ta' vapur jew ta' xi mekkaniżmu ieħor ma jistax

jaħdem jekk ma jkunx hemm min iqabbdu u jagħmel il-parti ta' l-'ignition-key', jekk ukoll l-attivitajiet pastorali kollha, bħalma huma l-ġimgħat liturġiċi, Ewkaristiċi u Bibliċi, li qegħdin isiru fil-parroċċi kollha t'Għawdex ma kienux jiffunzjonaw tajjeb u ma kienux iħallu ħafna frott kieku ma kellhomx lill-Isqof Cauchi bħala promutur u l-attur prinċipali tagħhom. U jekk fl-1975 nżamm l-Kungress Pastorali Djoċesan, dan seta' isir għax kellu lill-istess Isqof bħala "master-mind" tiegħu. Minħabba din il-ħidma pastorali kollha, l-Isqof Cauchi jista' japplika għalih dak li qal il-Papa attwali fl-Ittra Appostolika 'Evangelii Nuntiandi' fl-artiklu 68: "Bħala rgħajja, aħna ġejna magħżula, għall-ħniena t'Alla l-Għoli, minkejja n-nuqqas tagħna, biex inħabbru bl-awtorità l-Kelma t'Alla, biex niġbru l-poplu t'Alla li huwa mxerred, biex nagħtu ħajja lil dan il-Poplu bis-sinjali ta'l-azzjoni ta' Kristu li huma s-Sagramenti, biex nqegħduh fuq it-triq tas-salvazzjoni, biex nżommuh f'dik il-għaqda li tagħha, aħna f'livelli differenti, meqjusin bħala għodda attivi u ħajjin, u biex il-ħin kollu nżommu din il-komunità madwar Kristu u fidila għas-salvazzjoni l-iżjed intima."

Fl-1975 il-Papa Pawlu VI mexxa konċelebrazzjoni flimkien ma' l-isqfijiet taljani li kienu qegħdin iżommu l-laqgħa ġenerali annwali tagħhom. F'din l-okkażjoni l-Vigarju ta' Kristu f'omelija ħassar era ġdida fil-Knisja, era ta' imħabba ġenwina u rispett lejn kulħadd. "Jidhirlna ser tibda era ġdida għall-ħajja tal-Knisja," qal il-Papa, "hemm bżonn li l-fedeltà tagħna għat-tradizzjoni tinbidel f'tiġdid mimli żelu u inizjattivi." L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għad-djoċesi t'Għawdex bil-ħatra ta' l-Isqof Cauchi. Illum wara li għaddew 10 snin mill-ordinazzjoni episkopali ta' dan ir-Ragħaj Spiritwali, nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem, li l-għażla tiegħu bħala Isqof ħabbret era ġdida għad-Djoċesi tagħna, era li ħassret minn fuq wiċċ il-Knisja t'Għawdex l-idea ta' fortizza u ta' istituzzjoni ġerarkika li taf tagħti biss il-kundanni, is-sanzjonijiet u l-anatemi. Tabilħaqq li f'dawn l-10 snin ta' ħidma episkopali ta' l-Isqof Cauchi, l-'image' tal-Knisja f'Għawdex tbiddel u ħa s-sura ta' familja miftuħa għall-valuri tad-dinja, familja fejn kulħadd iħossu f'daru għaliex ma hi ostili għal ħadd u fuq kollox l-għaliex din il-familja (il-Knisja) tagħti lil kulħadd il-verità, id-dawl, il-paċenzja, il-paċi u l-imħabba t'Alla.

MONS. CARMELO SCICLUNA

Arċipriet tal-Katidral.

ALEXANDER BONNICI O.F.M. Conv.

IL-MATRIĊI KOLLEĠĠJATA

TA' L-ASSUNTA

U

L-EWWEL PARROĊĊI

TA' GHAWDEX

Ktieb dokumentat dwar l-istorja tal-Knisja Prinċipali ta' Għawdex, illum Katidral, u dwar il-parroċċi ewlenin ta' gżiritna.

Jinbiegħ 80c mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Katidral.

www.gozocathedral.org.mt

Il-Monument ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi fil-Knisja Katidrali t'Għawdex

Minn Mons. Dekan Giovanni B. Gauci

Meta fis-sena 1967 ġejt maħtur prokuratur tal-Knisja Katidrali ma ħsibtx li - fost xogħol ieħor - kien hemm ukoll iddestinat għalija x-xogħol tal-monumenti u tal-oqbra ta' wħud mill-Isqfijiet li mexxew id-djoċesi tagħna.

Fis-sena 1972 miet l-Eċċ.za tiegħu Mons Ġużeppi Pace Isqof t'Għawdex. Ħafna ħasbu li, wara l-funeral tiegħu, kollox kien imħejji biex il-kadavru tal-mejjet Isqof jitpoġġa fis-sarkofagu fil-kappella tas-Sagrament. Però l-fatt tad-difna f' dan il-post ma kienx hekk sempliċi għal-iex, minħabba diffikultajiet imprevisti, l-awtoritajiet ċivili deħru ftit dubjużi jekk kienx ser jingħata l-permess meħtieġ.

Kif ġejt mgħarraf b'dan, avviċinajt lin-nepputi ta' Mons. Pace, Dr. Joseph R. Pace LL.D u ssuġġerejtlu li jkellem persuna li setgħet tkun ta' għajnuna għall-ħruġ tal-permess għad-difna fil-kappella tas-Sagrament. Inzerta wkoll li fl-istess jum ġie Għawdex Dr. Albert Hyzler M.D. li allura kien Ministru tas-Saħħa: Dr. Hyzler kellu jpoġġi għand is-Sur Joseph Micallef P.L. ex-Kummissarju għal Għawdex u għalhekk Dr. Joseph Pace setgħa jikkuntattjah aktar faċilment.

Peress li jiena pprevidejt li l-Ministru ma kienx ser jagħti l-permess meħtieġ għad-difna fil-post imsemmi qabel ma jaċċerta ruħu li ma kienx ser ikun hemm inkonvenjenzi iġjeniċi, malajr avviċinajt lill-awtoritajiet sanitarji f'Għawdex u assigurajthom li kull prekawzjoni minnhom indikata konna lesti li nwettquha sabiex il-kadavru ta' Mons. Pace jista' jitpoġġa fis-sarkofagu tiegħu. Hekk, l-awtoritajiet sanitarji setgħu jinformaw lill-Ministru b'din id-dispożizzjoni tagħna u l-permess isir aktar faċli li jingħata.

Nista' wkoll ngħid li jien kelli żewġ alternattivi oħra fil-każ li l-Gvern kellu jiċħad il-permess kif kien qiegħed jintalab. Kont ħsibt li l-katavru ta' Mons. Pace setgħa jindifen fil-qabar tal-familja, fl-istess Katidral, imbagħad wara xi żmien l-fdalijiet jittieħdu għal ġos-sarkofagu. U fil-każ li dan ukoll kellu jiġi miċħud, allura d-difna setgħet issir fil-kripta tal-Katidral, fl-oqbra ta' l-Isqfijiet u wara jinqala' u jiġi trasportat fis-sarkofagu: fil-fatt, hekk kien sar bil-fdalijiet ta' l-Arċisqof Pietru Pace. Naf li kien hemm min interpreta ħażin dawn l-alternattivi.

Fil-fatt, wara li ttieħdu l-miżuri kollha ordnati mis-Sanita', l-kadavru ta' Mons. Ġużeppi Pace tpoġġa fil-qabar, kif kien xtaq hu stess, fil-kappella tas-Sagrament ġol-Katidral.

Wara l-istorja ta' Mons. Pace, ġiet dik tal-monument ta' l-Agostinjan Mons. Giovanni M. Camilleri għal 35 sena Isqof t' Għawdex. Il-monument lill-Isqof Camilleri kien ilu pproġettat qabel ma twelidt jien. Aktar tard kien tfassal id-disinn, meta kien prokuratur Mons. Kan. Kap Luiġi Galea, Teologu. Minħabba xi raġunijiet, l-monument baqa' ma sarx.

Meta ħarrikt mill-ġdid l-idea ta' dan il-monument, sibt appoġġ l-aktar kbir tant fl-Isqof attwali Mons. Cauchi, kif ukoll fil-Kapitlu Katidrali. Mhux biss twaqqaf monument - disinn tas-Sur Carmelo Grech, xogħol tal- iskultur Pisi - lill-Mons. Camilleri imma saħansitra l-istess fdalijiet tiegħu ngabu fil-Katidral u ta'

dan qatt ma għandha tintesa l-ġenerożità tal-Patrijiet Agostinjani.

Wara ftit ġranet li kien ilu inawgurat il-monument ta' l-Isqof Camilleri, diversi persuni resqu fuqi u qaluli: issa jmiss dak ta' Mons. Gonzi. F'qalbi għidtilhom li dan diġa' kien f'moħħi.

Il-ħidma ta' Monsinjur Gonzi bħala Isqof t'Għawdex ħafna għadhom jiftakruha. F'żewġ okkażjonijiet diversi, fil-Katidral, l-Isqof Mons. Nikol Cauchi fisser il-ħidma kbira li Mons. Gonzi kien wettaq matul il-veskovat tiegħu f'Għawdex. Bir-raġun l-poeta tagħna Ġorġ Pisani kiteb:

"Min jista' qatt idomm u jiġbor sewwa
għemilu mingħajr qies
fejn j'dher tabilħaqq tal-merħla tiegħu
imgħallem u għassies?"

Għawdex ibbenefika mill-ħidma pastorali ta' Mons. Gonzi mhux biss kemm dam Isqof tagħna, imma wkoll meta bħala Arċisqof Metropolita - flimkien ma' l-Isqfijiet t'Għawdex - kellu jitqabad u jbati biex il-fidi kattolika ma tinsteraqx minn qalb il-Poplu ta' dawn il-Gżejjer.

Jien ħassejt li ma għandux jitħalla jgħaddi żmien twil biex fil-Katidral tagħna jitwaqqaf mafkar lill-Arċisqof Gonzi. Kont ċert li jkun ta' konsolazzjoni kbira għalih li jkun jaf kemm l-Għawdxin għadhom jiftakruh bi gratitudni. Kont persważ li l-Isqof Cauchi u l-Kapitlu Katidrali kienu bi pjaċir jaċċettaw li fil-knisja prinċipali tad-djoċesi jitwaqqaf monument lill-Mons. Gonzi.

Feraħ Mons. Gonzi meta wrejtu b'din ix-xewqa tagħna. Apprezza l-approvazzjoni ta' l-Isqof Cauchi u tal-Kapitlu Għawdxi. Imbagħad tlabtu jissuġġerixxi artist li jaħdem id-disinn u jmexxi x-xogħol tal-monument f'Għawdex, u l-Arċisqof dlonk indikali lis-Sur Vincent Apap.

L-iskultur Ċensu Apap ma għandux bżonn ta' l-eloġju tiegħi, għaliex huwa magħruf sewwa għal tant xogħlijiet artistiċi tiegħu li jinsabu f'diversi pajjiżi tad-dinja. Ngħid biss li meta darba Ċensu Apap ġie mitlub jesegwixxi bust ta' Sir Winston Churchill, s-Sur Apap ġie wkoll mogħti l-privileġġ ta' żewġ intervisti mal-magħruf statista Ingliż.

Għalhekk ħadt pjaċir li artist ta' tant kalibru kellu jħalli opra tiegħu fil-Katidral tagħna. U biex inkun żgur li s-Sur Apap jaċċetta u jwettaq il-proġett tal-monument ta' Mons. Gonzi, tlabt lill-istess Arċisqof biex hu nnifsu javviċina lis-Sur Apap, kif fil-fatt sar.

Barra mill-għajnuna li sibt fl-Isqof tagħna, kienet ukoll indispensabbli l-għajnuna tal-Kapitlu, partikolarment tal-ħabib tiegħi Mons. Scicluna, illum Arċipriet tal-Katidral. Hekk ukoll irrid insemmi l-għajnuna li tawni Mons. Carmelo Xuereb tal-Kapitlu Metropolitan u l-Kav. Tonna: lilhom inroddilhom ħajr kbir.

Fis-6 ta' Jannar 1976, Mons. Carmelo Xuereb bagħatli d-disinn tal-monument ta' Mons. Gonzi, u wara li għaddejtu lill-Isqof Cauchi u lill-Kapitlu Katidrali ġie approvat minnhom fil-11 ta' l-istess xahar. L-għada, 12 ta' Jannar, ktibt lill-Mons. Xuereb u għarraftu bl-approvazzjoni tagħna u tlabtu biex ix-xogħol jibda malajr hekk li possibilment il-monument jiġi inawgurat fit-13 ta' Mejju, egħluq is-snin ta' l-Arċisqof Gonzi.

Id-data tat-13 ta' Mejju kella titħassar billi din ħabtet maċ-ċelebrazzjonijiet tal-pussess ta' Mons. Scicluna bħala Arċipriet. Fittixna dati oħra, qrib it-13 ta' Mejju, imma peress li Mons. Isqof t'Għawdex kien diġa' aċċetta mpenji oħra li ma setgħux jitħassru u peress li mhux biss kien xieraq imma ukoll kien insista li jkun preżenti għall-inawgurazzjoni tal-monument ta' Mons. Gonzi, d-data ta' l-inawgurazzjoni ġiet mibgħuta lura. Kont jien li ssuġġerejt li l-inawgurazzjoni tal-monument titħalla għall-10 ta' Awissu, il-ġurnata preċiża meta Mons. Gonzi kien għamel l-ingress tiegħu fil-Katidral bħala Isqof t'Għawdex.

Iċ-ċerimonja tat-tberik u tal-kxif tal-monument kienet tassew solenni. Il-Katidral, imħejji għall-festa titulari ta' l-Assunzjoni, kien fih dehra tassew imponenti. Għaċ-ċerimonja ġew mistiedna rappreżentanti tal-Kapitlu Metropolitan, tal-Kolleġġjati t'Għawdex, tal-Kappillani ta' Malta u Għawdex u għadd ta' soċjetajiet u personalitajiet oħra distinti. U fost tant solennità kien hemm nota ta' dispjaċir: Monsinjur Arċisqof nnifsu ma setax ikun preżenti għax kien marid.

L-Isqof Cauchi bierek il-monument u inawgurah, imbagħad ikkonċelebra flimkien ma' l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca - li ġie apposta għaċ-ċerimonja - u flimkien mal-Monsinjuri tal-Katidral u rappreżentanza kbira tal-Kleru Għawdxi. Għalkemm Monsinjur Cauchi niseġ kelma ta' tifħir mill-isbaħ għall-ħidma ta' Mons. Gonzi bħala Isqof t'Għawdex, jixraq li nsemmi l-poeżija li nkitbet u nqrat mill-magħruf poeta Għawdxi Ġorġ Pisani, bl-isem ta' "L-Għanja taż-Żewġ Ġawhriet". Bħal xogħol l-aktar fin tal-bizzilla għawdxija, hekk il-poeżija ta' Ġorġ Pisani tat kwadru, fiċ-ċokon, imma meraviljuż ta' l-episkopat ta' Mons. Gonzi.

Illum Mons. Gonzi ma għadux mgħobbi bir-responsabilta' ta' Ragħaj djoċesan la f'Għawdex u anqas f'Malta. Imma ħadd ma jiċħad li hu ta kontribut immens lill-Knisja f'Malta u Għawdex u jistħoqqlu li għal żmien twil jibqa' meq-

jum b'għożża fil-qalb tal-Poplu ta' dawn il-Gżejjer. Bħal kull bniedem ieħor, Mons. Gonzi kien suġġett għall-iżball: il-monumenti ma jsirux lill-impekkabbli u lill-perfetti - kieku żgur ebda monument qatt ma kien jitwaqqaf. Imma anqas ma juri għaqal dak il-bniedem li jkejjel għemil bniedem ieħor, mwettaq fiż-żminijiet mgħoddija, sempliċement bil-kejl ta' żmien warrani. Nagħlaq din il-kitba dwar il-monument ta' Mons. Gonzi bi kliem il-poeta:

"Kien jixraq li dil-wirja t'imħabbitna
fit-Tempju Ewlieni tagħna
issir llum, quddiem dal-poplu kollu,
met'inti għadek magħna.

Issir f'dat-Tempju Prinċep li lejh dejjem
imħabbtek int ridt turi
u fejn qiegħed jistrieħ fis-sliem ta' Kristu
il-fdal tal-ġenituri.

Hekk Għawdex ried jurik, kif għadek fostna
li jaf jgħożżok bis-sħiħ
il jaf ipatti sew, irodd minn qalbu
għal kull m'għamilt għalih".

F'JUM L-ASSUNTA

Tiżreġ ix-xemx minn ġos-sema kaħlani
U tikwi l-bjut u t-toroq imżejnin,
Waqt li tal-qniepen mill-kampnar fuqani
Jiksru kull ħemda l-ilħna ferħanin.

Mill-ogħla maqdes kollu ilbies għani
Jinstemgħu kant u noti hekk ħelwin,
Mit-toroq ewlenin leħen setgħani
Ta' baned u nies tgeġweġ għaddejjin.

U żiffa ħelwa tbus lill-Gżira Għawdxija;
Tal-frott il-fwieħa tgħaxxaq l-imnifsejn;
U tħoss il-qalb bħal ferħ u hena smewwija.

U malli x-xemx tkun qiegħda tgħib fl-għaxija
Tgħaddi mit-toroq Hi fuq l-ispallejn
Tbierek lil kulħadd: Santa Marija.

1963

ANTON F. ATTARD.

www.gozocathedral.org.mt

www.cathedral.org.mt

"L-ewwel ħjiel ta' siwi li għandna ta' din il-knisja imur lura sas-sena 1435 meta, eżatt fit-12 t'Ottubru, insibu lil Nucio de Episcopo, Għawdxi, iħalli xi ħaġa żgħira lill-kappillan tal-Knisja Matriċi ta' Santa Marija u . . . l-ebda knisja oħra f'Malta jew Għawdex ma kienet tissejjaħ matriċi f'dawk iż-żminijiet bikrija".

(Paġna 18)

WERREJ

Appell għall-Jiem tal-Festa 1

It-talba lir-Re Ferdinandu III 2

On the feast of the Assumption of Our Lady 9

100 sena ilu — l-Isqof Pietru Pace 10

Il-Katidral t'Għawdex 12

Kronaka tal-Parroċċa 16

Impressjonijiet fuq il-Katidral 18

Ġrajjiet Importanti matul is-Sena 19

L-Arċipriet tal-Katidral fl-Awstralja 22

25 Sena Saċerdot — 10 Snin Isqof 24

Il-Monument ta' l-Arċisqof Gonzi 29

www.locathedral.org.mt